Vol 32
Nru 173
Lulju - Settembru 2011

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat tal-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2011

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Ġerusalemm - Knisja ta'
San Salvatur*

# Werrej



15



22



29

35




6 San Salvatur (2)

15 Messaġġiera ta' Alla

22 Il-Ferħ tan-Nisrani fi Kristu

26 Marija taħt is-salib (2)

29 L-Interpretazzjoni tal-Iskrittura fl-Eżortazzjoni Appostolika *Verbum Domini*

35 Lhud fit-Testment il-Ġdid

41 Iż-Żwieġ fl-Iskrittura (2)




41

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



## IL-ĠABRA TAL-QABAR TA' KRISTU

Niftakar meta kont għadni tifel li, darba fis-sena, ommi kienet tgħid li kienet se ssir il-ġabra "għall-Qabar ta' Kristu" fil-knisja ta' Ġieżu tar-Rabat. Niftakar ukoll fra sempliċi u dħuli, dejjem jitbissem, li kien jiġi bieb bieb jiġbor għall-Qabar ta' Kristu. Kien jismu Fra Ġwann Campbell, u jiena sirt nafu tajjeb meta mbagħad dħalt Patri Franġiskan u kont midħla tal-Kunvent tal-Belt fejn għex għal snin twal sakemm marda kiefra ħasditlu ħajtu.

Illum il-ġurnata l-ġabra "għall-Qabar ta' Kristu" hi magħrufa aħjar bħala l-ġabra għall-Missjoni tal-Art Imqaddsa. Forsi ftit huma dawk li jifhmu eżattament l-importanza ta' din il-ġabra u xi tfisser għall-Franġiskani tal-Art Imqaddsa. L-iskop tiegħi hu li nagħti ftit tagħrif li jista' jkun ta' għajnuna.

Il-ġabra għall-Art Imqaddsa hi fost l-eqdem li jsiru fil-Knisja Universali. Il-Papiet, sa minn żmien il-Kruċjati, kienu jixtiequ li l-Insara juru solidarjetà ma' din il-missjoni li l-Knisja tqisha bħala missjoni importanti. Ir-raġuni hi sempliċi. L-Art Imqaddsa hi l-post fejn seħħet is-salvazzjoni tagħna. Fiha hemm santwarji li jfakkruna fil-preżenza ta' Kristu, tal-Verġni Marija u tal-Appostli. Il-kura ta' dawn is-santwarji dejjem kienet għażiża għall-Knisja. Sa mill-1342 il-Knisja fdat din il-kura taħt il-ħarsien (Kustodja) tal-Patrijiet Franġiskani, li kienu ilhom preżenti fis-santwarji sa mill-1229. U ma' din il-kura tas-santwarji l-Knisja fdat lill-Franġiskani


Hidma mall-Pellegrini


Kustodji tal-postijiet qaddisa


Hidma fil-qasam tas-saħħa

# JUM IL-MISSJONI FL-ART IMQADDSA




Hidma fil-qasam tal-edukazzjoni

*Int ukoll tista' tgħin lill-Missjoni tal-Art Imqaddsa.*

Ikteb jew ċempel:
Kummissarjat tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213

Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
Website: http://ofm.org.mt


Għotja ta' djar ġodda lil-familji

*...editorjal*

*Il-Ġabra tal-Qabar ta' Kristu*

l-kura tal-Insara lokali li jgħixu fl-Art Imqaddsa.

Ta' kull sena ssir ġabra għall-Art Imqaddsa fil-knejjes kollha tad-dinja. Normalment il-ġabra hi koordinata mill-Patri Franġiskan inkarigat mill-propaganda tal-missjoni tal-Art Imqaddsa fil-pajjiż li jkun. Dan jissejjaħ Patri Kummissarju, għaliex hu għandu l-kummissjoni (dmir) li jaħdem favur din il-missjoni fit-territorju tiegħu.

Illum il-ġurnata ngħixu f'dinja li fiha kulħadd jitkellem mit-trasparenza. Kelma li tfisser li ma għandekx x'taħbi. Il-Knisja wkoll trid turi trasparenza fil-mod kif tamministra l-ġid tagħha favur il-ħidmiet ta' apostolat li tagħmel. B'din l-esiġenza dejjem aktar insistenti fis-soċjetà tagħna, li ġustament trid tkun informata f'każ ta' min għandu rieda tajba, jew inkella inġustament f'każ ta' min irid iħammeġ l-immaġini tal-Knisja, hu tajjeb li nuru fejn tmur il-ġabra għall-Missjoni tal-Art Imqaddsa.

Il-flus li jinġabru f'Jum l-Art Imqaddsa jintbagħtu mill-Patri Kummissarju lill-

Kustodju tal-Art Imqaddsa f'Ġerusalemm. Dan, permezz tal-ekonomat Kustodjali, jippubblika ta' kull sena rendikont dettaljat tal-offerti kollha u fejn ikunu destinati. Anke f'Malta l-Kummissarju jippubblika r-rendikont tal-ġabra. Il-flus li jintbagħtu jintużaw għal dawn l-iskopijiet.

L-ewwel skop hu dak tal-ħarsien tas-Santwarji tal-Fidwa. Il-Franġiskani fl-Art Imqaddsa jikkuraw 27 Santwarji prinċipali tal-Fidwa f'Israel u l-Palestina (l-Art Imqaddsa proprja) u 23 knejjes u santwarji oħrajn minuri mxerrdin fl-Eġittu, Ġordanja, Libanu, Sirja, Ċipru, Rodi, Ruma, Napli, Madrid, Washington u Buenos Aires. Huma jmexxu attività pastorali f'diversi parroċċi, li fiha jipprovdu formazzjoni kulturali u xogħol lil kważi ħamest elef student u elf ħaddiem. L-iskejjel tal-Art Imqaddsa huma miftuħin għal tfal u studenti Insara u mhumiex. Il-Kustodja tmexxi Ċentru Internazzjonali ta' Riċerka Biblika u Arkeoloġika f'Ġerusalemm, u ieħor fil-Kajr, kif ukoll hi responsabbli mill-ħidma arkeoloġika fin-Nebo, fil-Ġordanja. Bl-għajnuna ta' voluntieri l-Kustodja tmexxi "Multimedia Centre" f'Ġerusalemm, li hu kamp ta' apostolat ġdid fil-qasam tat-televiżjoni, radju u internet. Il-Kustodja bniet appartamenti għal koppji żgħażagħ Insara li jgħixu f'Beit Hanina u Betfaġe (madwar Ġerusalemm), Betleħem, Nażaret, Ġaffa, Betanja, Tripli fil-Libanu. Toffri xogħol lil diversi ħaddiema fil-Case Nove li jilqgħu l-pellegrini f'Ġerusalemm, Nażaret, Betleħem, Tabor, Tiberija u Damasku. Tmexxi ċentru ta' mużika, l-Istitut Magnificat, fejn tingħata kultura mużikali lil tfal Palestinjani u Lhud bla ebda distinzjoni ta' razza jew twemmin. Tmexxi stamperija fejn jiġu stampati bosta kotba u rivisti, u tipprovdi wkoll xogħol għal ħafna ħaddiema.

Fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa hemm jaħdmu mal-292 patri Franġiskani. Il-kamp tal-ħidma tagħhom hu bla limitu, mill-assistenza tal-pellegrini, sal-ħarsien tas-Santwarji, sat-tmexxija tal-iskejjel u l-parroċċi. Kull min ġie l-Art Imqaddsa jaf dan kollu u rah b'għajnejh. Dawn il-proġetti kollha u ħafna oħrajn li ma semmejnihomx jitolbu spejjeż kbar fis-sena. Iċ-ċifra mhix esaġerata. Nitkellmu minn eluf kbar, jekk mhux miljuni ta' Euro. Ta' min isostni li Israel u l-Palestina mhumiex xi pajjiżi tal-missjoni fejn hemm faqar tmissu b'idejk. Il-problema mhux il-faqar imma pjuttost l-inġustizzja soċjali. Il-ħajja hi għolja daqs f'Malta u fl-Ewropa, jekk mhux aktar. Il-liġijiet u t-taxxi ma jonqsux. Għalhekk it-trasparenza hi importanti. Għalhekk tajjeb li wieħed ikun jaf li l-ġabra għall-Art Imqaddsa, li ilha preżenti fil-Knisja għal mijiet ta' snin, mhix si kapriċċ medjevali ta' nies rashom marbuta, imma hi servizz lill-komunità Kristjana li fih ma tonqosx il-promozzjoni umana li tmur 'il hemm minn skopijiet reliġjużi.

Jalla din il-verità li nistgħu nuruha f'ċifri u numri tkun magħrufa minn kull min irid jifhem x'aħna qegħdin nagħmlu fl-Art Imqaddsa aħna l-Franġiskani. Min ġie magħna l-Art Imqaddsa jaf dak li qegħdin ngħidu. Il-benefatturi tal-missjoni, li dejjem kienu jsostnu kull sforz sinċier lejn l-iskop tagħha, huma dawk li juru bl-għemil xi tfisser il-kelma solidarjetà. Għalihom l-apprezzament u r-ringrazzjament tagħna l-Franġiskani.



# IL-KNISJA TA' SAN SALVATUR F'ĠERUSALEMM (II)

**_Metodio Brlek ofm_**

*Qegħdin inġibu traduzzjoni ta' studju interessanti tal-istoriku tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, Patri Metodio Brlek, li llum jinsab mimli bil-għomor fl-infermerija kustodjali tal-Kunvent ta' San Salvatur f'Ġerusalemm. Dan l-istudju, intitolat "La Chiesa di San Salvatore. Storia e Arte", kien deher bħala Suppliment tar-Rivista "La Terra Santa" fil-ħarġa ta' Mejju-Ġunju 1986. Hawnhekk sejrin nillimitaw ruħna biss għat-traduzzjoni tal-artiklu, mingħajr l-apparat kritiku tassew interessanti li jifforma l-qafas tar-riċerka xjentifika ta' Patri Metodio, u li jista' jiġi kkonsultat fl-edizzjoni bit-Taljan fir-Rivista li semmejna.*

## Id-dekorazzjonijiet tal-Knisja: L-orgni u l-kwadri

Il-binja ta' knisja Kattolika ma tistax tikkuntenta ruħha biss filli tkun binja bla ebda tiżjin, ukoll jekk l-arkitettura fiha nnifisha hi diġà tiżjin. Imma l-knisja dejjem għandha bżonn li tiżżejjen b'dak li hu meħtieġ għall-kult sagru.

Il-lingwaġġ arkitettoniku hu importanti ħafna fil-knisja bħala binja; minkejja dan, biex il-knisja twieġeb aħjar għall-iskop tagħha li tkun sala ta' talb lil Alla, dar tat-talb u skola ta' fidi, jixraq u jaqbel li, speċjalment fl-ispazji interni tagħha, l-knisja tkun fornita b'dawk l-elementi kollha li jikkonfigurawha u jagħmlu aktar evidenti l-karatteristiċi tagħha.

Nieħdu wisq fit-tul kieku kellna noqogħdu niddiskrivu dak kollu li wieħed jista' jara fil-knisja ta' San Salvatur u li jippreżenta interess speċifiku. Minkejja dan jaqbel li ngħidu kelmtejn dwar it-tiżjin prinċipali li nsibu f'din il-knisja. Nillimita ruħi għar-rappreżentazzjonijiet pittoriċi u għall-orgni monumentali: żewġ elementi li jistgħu aktar jiġbdu l-attenzjoni ta' kull min iżur il-knisja.

## L-orgni

Li wieħed jitkellem dwar l-orgni ta' San Salvatur, bħala strument mużikali fih innifsu, li hu meħtieġ biex jakkumpanja l-ħidma tal-organisti u tal-i*Schola cantorum*, ifisser sempliċement li nkunu qegħdin nitkellmu mill-istorja tal-mużika sagra f'Ġerusalemm għal dawn l-aħħar 4 sekli.

Illum il-ġurnata l-kultura mużikali f'Ġerusalemm hi żviluppata ħafna. Imma mhux ta' min jinsa li, għal 3 sekli sħaħ, l-uniċi orgnijiet preżenti f'Ġerusalemm kienu dak ta' San Salvatur u dak tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu.

Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija mqaddsa, 120, jgħid: "Fil-Knisja Latina għandha tittieħed kura kbira tal-orgni tal-kanni, li bħala strument mużikali tradizzjonali, bil-melodija tiegħu hu fi grad li jżid glorja u sbuħija liċ-ċerimonji tal-Knisja, u li jerfa' l-erwieħ lejn Alla u lejn il-ħwejjeġ tas-sema". Dawn huma kliem ċari li ma għandhomx bżonn ta' spjegazzjonijiet oħrajn. Irridu nirrikonoxxu li l-Kustodja tal-Art Imqaddsa dejjem żammet l-orgni f'ġieħ u unur kbir.

Diġà għidna li mill-1630 kien hemm orgni f'San Salvatur li kien jakkompanja l-mumenti l-aktar importanti tal-ħajja liturġika komunitarja.

Nafu li l-orgni hu strument mużikali sensibbli ħafna għall-varjazzjonijiet li huma kkawżati minn aġenti diversi u esterni. Minħabba din ir-raġuni nfakkru li ċ-ċerimonjal tal-Art Imqaddsa li kien ġie ppubblikat f'Lisbona fl-1754, meta jitkellem dwar l-uffiċċju tal-organista, fost l-oħrajn jgħid li hu dmir tiegħu li jieħu kura mill-aktar attenta tal-orgni, u jispeċifika b'mod dettaljat ir-regoli tal-manutenzjoni tiegħu.

Minkejja l-kura normali, li minn dejjem kienet kostanti, billi l-orgni, bħal kull strument ieħor, jista' wkoll jitmermer, diġà fil-knisja l-antika ta' San Salvatur kien hemm diversi orgnijiet matul is-sekli. Fl-imgħoddi ma kinitx teżisti t-teknika u l-metodi moderni li jsalvaw u jirrivalutaw tant affarijiet antiki, u għaldaqstant dak li kien jitmermer kien ħafna drabi jispiċċa abbandunat.

L-ewwel orgni li kellha l-knisja ta' San Salvatur kien dak tad-ditta 'Bazzani' li kien jinsab fil-knisja l-antika. Minkejja li dan kien orgni tajjeb, il-patrijiet iddeċidew li jeħduh fil-knisja ta' Santa Katerina f'Betleħem, u li jagħmlu orgni ġdid maħdum mill-istess ditta ta' Giacomo Bazzani, li kien megħjun minn żewġ lavranti.

L-istess jum li fih ġiet ikkonsagrata l-knisja, jiġifieri d-29 ta' Novembru 1885, dak l-orgni ndaqq għall-ewwel darba biex jakkumpanja l-korali fl-eżekuzzjoni tal-Quddiesa polifonika. Dan kien orgni li kellu karatteristiċi tipiċi tal-iskola klassika Venezjana.

Għoxrin sena wara, preċiżament fid-9 ta' Awwissu 1907, ġie deċiż li jinħadem orgni ieħor biex jieħu post dak eżistenti. Il-patrijiet din id-darba rrikorrew għand id-ditta Casa Vegezzi-Bossi ta' Torino, u din f'Awwissu 1910 waslet fl-Art Imqaddsa u irmuntat fil-post l-orgni ġdid. Għall-ewwel kienet donna ħaġa inspjegabbli li l-patrijiet riedu jibdlu l-orgni fi spazju ta' żmien qasir ta' għoxrin sena biss. Fil-fatt l-orgni l-ieħor ma kellux xi ħsarat li ma setgħux jissewwew. Il-problema kienet dik ta' gosti mużikali. Il-ħoss tiegħu ma kienx sodisfaċenti, u anke mil-lat purament tekniku, dak l-orgni ma kienx impostat fuq prinċipji artistiċi u estetiċi diversi minn dawk li dak iż-żmien kienu popolari. Biex nifhmu din is-sitwazzjoni rridu nagħmlu digressjoni li nħossu li mhijiex inutli.

F'Lulju 1893 kien ġie għas-servizz tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa P. Hartmann minn An der Lan-Hochbrunn, fit-Tirol (Awstrija). Wara xahar hu kien diġà "Direttur tal-Filarmonika" ta' San Salvatur. Is-sena ta' wara ngħata l-inkarigu ta' organista, dejjem f'San Salvatur. F'Marzu 1895 insibuh organista fil-Qabar ta' Kristu. Imma wara ftit xhur kellu jħalli l-Art Imqaddsa, għax kien sejjaħlu Ruma l-Ministru Ġeneral.

Patri Hartmann kien mużiċista u kompożitur ta' fama internazzjonali, kif jidher fil-fatt li l-Oratorji tiegħu kienu ġew esegwiti u mfaħħrin f'ħafna mill-bliet kbar tal-Awstrija, Ġermanja, Italja, Stati Uniti tal-Amerika u saħansitra f'San Pietruburgu fir-Russja.

Għalkemm P. Hartmann dam Ġerusalemm għal kważi sentejn biss, iż-żmien li dam hawn kien biżżejjed biex iħalli sinjali ċari fil-qasam mużikali fi ħdan il-Kustodja, speċjalment taħt forma ta' ideat aktar inċiżivi u impenjattivi. Hu beda tradizzjoni ta' organisti u organari famużi, l-aktar mill-ambjent Awstrijak, hekk li fi żmienna l-aħjar orgnijiet fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa kollha ġejjin mill-Awstrija. Warajh din it-tradizzjoni kellu jeħodha f'idejh mużiċista famuż ieħor.

F'Awwissu 1905 insibu bħala organista f'San Salvatur lil Patri Augusto Frapiccini, li s-sena ta' wara nsibu preċiżati aħjar il-kompetenzi u l-inkarigi li ngħatawlu uffiċjalment: "Lawreat fil-Mużika Sagra, Direttur tal-Kappella ta' San Salvatur, Lettur tal-Mużika Sagra u tal-Kant Gregorjan fis-Seminarju ta' San Salvatur, u Organista fil-knisja ta' San Salvatur". Dan id-dmir tiegħu baqa' jaqdih sa Settembru 1910 meta telaq mill-Art Imqaddsa.

Patri Frapiccini kien tassew mużiċista awtentiku u kompożitur ta' vena artisika mużikali żgura. Meta kien għadu frisk mill-istudji tiegħu, u kien ħa diploma fl-Mużika Sagra fil-Liceo Mużikali "Rossini" ta' Pesaro, hu ma setax ma jgħixx fil-klima mużikali ta' żmienu, li wieħed mill-akbar espressjonijiet tagħha fl-Italja, proprju fil-kamp tal-mużika

sagra, kien il-kontemporanju Lorenzo Perosi, li mill-1902 kien Direttur Perpetwu tal-Cappella Sistina. Hawnhekk nerġgħu lura għall-orgni tagħna: orgni li, kif jingħad, kien ta' impostazzjoni klassika li ma setax jissodisfa l-eżiġenzi ta' mgħallmin famużi fl-arti mużikali, li kienu tal-kalibru ta' Perosi u Refice.

Bħala konsegwenza kienet meħtieġa reviżjoni ġenerali tal-orgni tal-Bazzani. Imma din ma setgħetx tissoddisfa l-każ tagħna, għax kien meħtieġ li jiżdiedu elementi ta' perfezzjonament tekniku. L-istess opinjoni ma kinitx biss dik tal-organista, imma wkoll tal-Patri Kustodju ta' dak iż-żmien, Patri Roberto Razzoli, li kien sensibbli ħafna għall-arti mużikali.

Fl-1907 Patri Frapiccini ġie inkarigat biex jokkupa ruħu fil-Casa jew Fabbrica ta' Orgnijiet, u dan wasslu biex jingħata aktar b'ruħu u ġismu għall-iskop li semmejna. L-għażla waqgħet fuq id-ditta rinomata Casa Vegezzi-Bossi ta' Torino, u hekk wasal f'Ġerusalemm l-orgni ġdid li ġie inawgurat f'Awwissu 1910. Dan l-orgni, sostanzjalment, baqa' f'San Salvatur għal kważi mitt sena.

Fis-6 ta' April 2008 ġie inawgurat orgni ġdid fil-Knisja ta' San Salvatur. Dan l-orgni inħadem fil-post mid-Ditta Rieger tal-Awstrija, fuq inizjattiva u b'fondi miġburin minn Patri Stanislaus Bertagnolli, Kummissarju tal-Art Imqaddsa fi Vienna. Kien l-istess P. Santislaus li kien ġabar għall-orgni maestuż tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, inawgurat fl-1982 bil-preżenza tal-Arċisqof ta' Vienna, il-Kardinal Franz König. L-istess Kummissarju kien ħaseb biex jiġbor għall-orgni "Rieger" tal-Knisja ta' Santa Katerina *ad Nativitatem* f'Betleħem.

Dakinhar tal-inawgurazzjoni tal-orgni l-ġdid tal-Knisja ta' San Salvautr, il-Kustodju tal-Art Imqaddsa Patri Pierbattista Pizzaballa ta ħarsa ħafifa lejn l-istorja tal-orgni. Hu semma' l-orgni l-antik tad-Ditta Callido-



*Franġiskani jitolbu fil-kor ta' S. Salvatur*



*Antonio Ciseri*

Bazzani ta' Venezja (1880), li kien rimaneġġjat mill-organaru ta' Milano Locatelli. Semma' mbagħad kif l-orgni nbidel f'dak li kien hemm sas-sena 2008, jiġifieri l-orgni tad-Ditta Vegezzi-Bossi, li kienet applikat għall-istrument it-trażmissjoni pnewmatika. Madwar is-sena 1960 l-organaru Tamburini ta' Crema kien qiegħed *console* ġdida u biddel l-orgni għat-trażmissjoni elettrika. Imbagħad l-orgni kien ġie miżjud b'kanen f'numru akbar. Sakemm kien għadu ħaj l-organaru tal-Kustodja, fra Delfino Fernandez Taboada, l-istrument kien dejjem imħares b'imħabba u kura kbira, imma mbagħad wara l-mewt tiegħu bdiet tinħass il-ħtieġa ta' restawr radikali tal-orgni. Imma dan kien iwassal għal ħafna diffikultajiet, u għalhekk kienet għaqlija d-deċiżjoni li jsir orgni ġdid. Fit-13 ta' Frar 2006 Patri Stanislao, Kummissarju ta' Vjenna, wieġeb lill-Kustodju u qallu li hu kien lest li jordna orgni ġdid mid-Ditta "Rieger" u jidħol għall-ispejjeż tiegħu. Attwalment Patri Stanislao qiegħed jieħu ħsieb li jsir orgni monumentali fil-Bażilika tal-Annunċjazzjoni f'Nażaret.

## Il-kwadri tal-altari

Ngħaddu issa għall-arti figurattiva fil-Knisja ta' San Salvatur. Se nitkellmu fuq sitt kwadri li huma opra ta' Antonio Ciseri (1821-1891), ta' Francesco Giuseppe Ciseri (iben Antonio) u ta' Giacomo Martinetti. Dawn kienu artisti li kienu attivi ġewwa Firenze fit-tieni nofs tas-seklu 19.

L-opri ta' Antonio Ciseri huma konservati f'postijiet hekk rinomati bħall-Galleria degli Uffizi ta' Firenze u l-Galleria d'Arte Moderna ta' Palazzo Pitti, f'Firenze wkoll. L-aktar opri importanti ta' Antonio Ciseri fil-Knisja ta' San Salvatur huma "L-Inkredulità ta' San Tumas Appostlu" u "Sant'Antnin ta' Padova". Il-kwadru ta' San Tumas li jqiegħed idejh fuq il-pjaga tal-kustat tal-Mulej Irxuxtat jinsab fl-altar fuq il-lemin ta' min iħares lejn l-altar maġġur. Fil-fatt il-Knisja ta' San Salvatur, bħala replika u kontinwazzjoni taċ-Ċenaklu, tħares it-tliet tifkiriet għeżież tal-ewwel kunvent tal-Franġiskani f'Ġerusalemm: l-Inżul tal-Ispirtu s-Santu fl-altar maġġur, it-Twaqqif tal-Ewkaristija fl-altar tas-sagrament fuq ix-xellug tal-maġġur, u d-Dehra ta' Kristu Rxoxt lill-Appostli u San Tumas fuq il-lemin.

Il-kwadru ta' Sant'Antnin ta' Padova jirrappreżenta l-apparizzjoni ta' Ġesù Bambin, b'Sant'Antnin għarkupptejh fuq l-inġinokkjatur bil-ktieb tal-Iskrittura miftuħ quddiemu.

Francesco Giuseppe Ciseri (1858-1935) pinġa l-kwadri tal-altari tal-Qalb ta' Ġesù u ta' San Ġużepp. Dak ta' San Ġużepp hu interessanti għax juri l-qaddis li jkollu d-dehra tal-anġlu proprju meta jinsab fuq il-bank tax-xogħol.

L-awtur tal-kwadru ta' San Rokku u tal-Aħħar Ċena fuq l-altar tas-sagrament hu Giacomo Martinetti (1842-1910). L-istil ta' dan il-pittur

hu simili għal dak ta' Ciseri, imma naturalment hemm elementi oriġinali li huma tiegħu.

### Ġudizzju fuq il-Knisja ta' San Salvatur

Il-Knisja ta' San Salvatur ilha miftuħa għall-insara għal aktar minn 130 sena, u tiġbor fiha qabel xejn il-komunità Latina tal-parroċċa ta' San Salvatur, u l-pellegrini li jiġu mill-bogħod u li jieqfu biex jammiraw din il-ġawhra ta' arti fil-Belt il-Qadima ta' Ġerusalemm, li hi normalment moħbija mill-għajnejn tat-turisti. Fl-imgħoddi saru diversi ġudizzji dwar din il-knisja, li wħud minnhom inġibuhom hawnhekk biex nifhmu aktar l-importanza tagħha.

L-għada tal-konsagrazzjoni tal-knisja, il-perjodiku "La Terra Santa", li kienet gazzetta ta' Firenze li ma kinitx marbuta mal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, informa lill-qarrejja li l-Knisja ġdida ta' San Salvatur f'Ġerusalemm kienet "kbira, sabiħa u tixraq lill-belt ta' Ġerusalemm".

Ftit wara Sodar de Vaulx mill-Belġju kiteb: "(San Salvatur) hu tempju mill-isbaħ li jagħti ferħ lin-nies tal-post u li jsaħħar lill-barranin li jiġu jżuruh ... ġewwa l-monument, li l-arkitett tiegħu P. Raffaele da Montecassiano ispira ruħu mill-Vignola biex bnieh, ta' min jinnota l-kor tar-reliġjużi, maħdum fl-injam tal-ġewż, u mqiegħed b'majestrija kbira. Il-knisja hi sempliċi, majestuża, rikka bl-irħam fin u bi kwadri maħdumin mill-aħjar artisti ta' Firenze. L-orgni, li jinsab fil-fond tal-abside rettangolari u li jikkostitwixxi wieħed mill-isbaħ ornamenti fil-knisja, inġieb minn Venezja, u hu opra tal-Casa Bazzani. Huma sbieħ ukoll ix-xogħlijiet fl-injam, l-aktar il-pulptu u l-orgni li semmejna. Il-vetrati sbieħ minn Franza li huma tant ammirati mill-viżitaturi, jagħtu dawl u kuluri fini u armonjużi".

Il-famuż Palestinologu Franċiż, Victor Guérin, kiteb hekk: "Il-knisja attwali (ta' San Salvatur) hi kbira, eleganti u mibnija tajjeb, u tagħti ġieħ lill-Patrijiet Franġiskani li bnewha hekk ta' malajr u li rnexxielhom jagħmlu minnha wieħed mill-isbaħ monumenti reliġjużi fil-Palestina. Ix-xogħlijiet kollha fl-injam tal-imsemmija knisja, inkluż il-kor tar-reliġjużi, inħadmu kollha fil-kunvent stess ta' San Salvatur. Għal dan ix-xogħol inġieb l-injam tal-ġewż minn Damasku".

Id-Dumnikan Vincenzo Vannutelli, li kien ġie Ġerusalemm fl-1893 matul il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien ġie


*L-Altar tas-Sagrament*

inawgurat fil-Knisja ta' San Salvatur, innota: "Kien ġust u xieraq li l-ewwel seduta tal-Kungress ġiet inawgurata fil-Knisja ta' San Salvatur ... din hi knisja sabiħa, bi tliet navati, u b'disinn mill-aktar regolari ... u hi mżejna bl-irħam mill-aktar prezzjuż. L-uniku difett hu li l-orgni u l-orkestra kienu moħbijin wara nett fl-abside, imma mill-bqija ma hemm xejn x'wieħed jikkritika f'din il-knisja". Jinnota, iżda, li din is-sistemazzjoni tal-orgni fl-isfond nett tal-knisja kienet komuni wkoll fi knejjes oħrajn fl-Italja.

Monsinjur Giacomo Radini Tedeschi, Isqof ta' Bergamo, li kien segretarju tiegħu Don Angelo Roncalli (li mbagħad sar Papa Ġwanni XXIII), kien jgħid lill-pellegrini biex iżuru din il-knisja sempliċi imma manjifika.

Il-Kardinal Andrea Ferrari, Arċisqof ta' Milan, li kien ġie pellegrin fl-Art Imqaddsa fl-1902, kien sejjaħ il-Knisja ta' San Salvatur "Bażilika kbira u splendida".

Il-ġudizzji li ġibt hawnhekk bl-aġġettivi tagħhom u l-kwalifiki superlattivi, għandhom l-iskop li joffru interpretazzjoni kritika-estetika fis-sens tekniku tal-kelma. Huma impressjonijiet spontanji, immedjati, ta' persuni li kulturalment kienu ppreparati biex jitkellmu f'dawn iċ-ċirkustanzi u li juru sensibiltà lejn dak li hu sabiħ.

Tajjeb ukoll li nġibu l-perizja ta' tekniku. F'Awwissu 1884 is-Superjuri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa kienu talbu lill-arkitett Franċiż Jean-Baptiste Guillemot biex jagħmel eżami dettaljat tal-binja kollha tal-knisja fil-mument li kienet għadha tielgħa. Bħala riżultat tal-perizja hu ddikjara li l-Knisja "għandha tkun tassew monument" u żgura li "sibt kollox fl-ordni u solidu. Xtaqt biss li t-timpanu tal-faċċata jkun inqas tqil u aktar solidu" għaliex, skont hu, "hu perikoluż fil-każ ta' terremot" u li timpanu ta' dak il-piż kien jitlob dimensjonijiet akbar. Rigward il-kampnar ma kellu xi jgħid xejn u żgura "li dik is-solidità tiegħu tista' togħla ħafna aktar 'il fuq". Baqa' sodisfatt mil-lavur tal-istucco.

Fl-istorja tagħha ta' aktar minn seklu l-Knisja ta' San Salvatur qatt ma tat preokkupazzjonijiet rigward l-istabilità tagħha, kemm fl-istruttura ġenerali kif ukoll fid-dettalji partikulari.

L-aħħar nofs seklu tal-ħakma Turka f'Ġerusalemm kienet immarkata mill-bini ta' diversi knejjes li ġew mibnija mill-Kattoliċi: kważi fil-knejjes kollha intużat l-iskola tal-medjuevu romaniku-gotiku. L-uniku eżempju ta' knisja mibnija direttament skont il-kriterji tar-Rinaxximent Taljan fil-fażi matura tiegħu kienet il-Knisja ta' San Salvatur li tiddistingwi ruħha mill-oħrajn kollha għall-kjarezza arkitettonika u d-dinjità komposta fl-intern tagħha.

## Il-benefatturi

Mid-29 ta' Novembru 1882 meta tqiegħdet l-ewwel ġebla, sad-29 ta' Novembru 1885, meta ġiet ikkonsagrata l-Knisja ta'

San Salvatur, kienu għaddew eżattament tliet snin u mhux iżjed. Dan kien żmien rekord biex wieħed jibni knisja mill-ġdid u jwassalha għat-tmiem b'mod komplut.

Irridu niftakru, iżda, li dawk it-tliet snin li kienu jirrigwardaw il-parti eżekuttiva tal-binja, ma jirrappreżentawx ħlief il-konklużjoni ta' tletin sena xogħol iebes li matulhom il-patrijiet qatt ma tfew it-tama li xi darba kienu sejrin jirnexxu fil-pjan tagħhom.

Il-fatt li damu jistennew tletin sena biex akkwistaw il-permess li jibnu mill-awtoritajiet Torok Ottomani wassal lill-patrijiet biex ikollhom żmien biżżejjed biex jaħsbu bil-kalma għad-diversi soluzzjonijiet tal-problema, kemm mil-lat proġettwali kif ukoll minn dak tal-effiċjenza. Setgħu jippjanaw il-ġejjieni u sadanittant jiġbru fondi neċessarji għal proġett hekk kbir u kkumplikat. Nafu li dan l-aħħar aspett tal-problema ġie solvut fil-parti kbira tiegħu mill-offerta ġeneruża tal-Imperatur Franz Josef tal-Awstrija li kien stabilixxa li jagħtihom fl-1869. Kieku ma kienx hemm il-flus imwegħdin lill-patrijiet, kieku kien ikun kollu ta' xejn li l-Ambaxxatur Franċiż jaħdem quddiem is-Sublime Porta biex joħorġu l-permessi meħtieġa ħalli x-xogħol isir f'qasir żmien.

Il-lapida li tqiegħdet fuq il-ħajt maġenb il-Battisteru tal-Knisja ta' San Salvatur trid tfakkar lil dawk li l-aktar kienu benemeriti fil-binja ta' din il-knisja, u tagħti tliet ismijiet preċiżi, P. Guido da Cortona, Kustodju tal-Art Imqaddsa; Franz Josef, Imperatur tal-Awstrija; Monsinjur Vincenzo Bracco, Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm. Dan ma jfissix, iżda, li l-patrijiet insew il-mijiet ta' persuni li isimhom ma jidhirx fost dawn il-kbar, imma li ċertament kienu benemeriti biex il-binja ta' San Salvatur setgħet issir realtà.

Xi nota ta' benefatturi oħrajn partikulari tidher speċjalment imnaqqxa fuq l-altari tal-ġnub tal-Knisja ta' San Salvatur, li offrew xi wieħed jew ieħor mill-istess altari. Hekk jissemmew it-Terzjarji Franġiskani ta' Franza, il-proprjetarji u l-ħaddiema tal-minjieri ta' Onzion-Loire (Franza), il-parroċċa



*Il-Ventartal tal-fidda tal-Altar*


Knisja S. Salvatur

ta' San Rokku ta' Pariġi u d-Djoċesi ta' Montpellier, diversi benefatturi Spanjoli, il-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa ta' Napli, P. Remigio Buselli Kummissarju tal-Art Imqaddsa fit-Toscana, li kien ħa ħsieb iqabbad il-pitturi li għamlu s-6 kwadri tal-altari tal-knisja.

L-Altar Maġġur hu rigal tas-Sinjura Francesca Holzinger mill-Bavarja, li ħallset l-altar kbir tar-rħam minn butha. Din il-benefattriċi riedet li fl-iskrizzjoni jidher ukoll l-isem ta' żewġha Jurgen, li ma kien jaf xejn dwar dan il-ġest ta' martu, għaliex hi riedet li dan ikun għalih ta' sorpriża meta jiġu flimkien pellegrinaġġ f'Ġerusalemm fejn kellhom isibu isimhom imnaqqxin f'riġlejn l-altar maġġur tal-Knisja ta' San Salvatur.

## Konklużjoni

Knisja ma tistax tissejjaħ tali jekk ma tkunx binja li fil-lingwaġġ tagħha tkun tista' twassal il-messaġġ tas-salvazzjoni b'dik id-dinjità u konvenjenza li jixirqu lis-sens tas-sagru Kristjan. Il-knisja hi sinjal u simbolu ta' kultura reliġjuża li tiġi permezz ta' tradizzjoni, u fil-każ tagħna, jiġifieri fil-Knisja ta' San Salvatur, din it-tradizzjoni tittrażmetti permezz ta' kliem ċar, il-messaġġ evanġeliku. L-arti sagra hi forma ta' għarfien, hi lingwaġġ viżibbli permezz ta' sinjali, hi l-għaqda tal-bniedem mad-divinità.

Fil-knisja l-forom arkitettoniċi, ix-xbihat qaddisa, il-parti dekorattiva, l-oġġetti tal-kult, mhumiex ippreżentati bħala xi kollezzjoni tajba għal xi mużew; huma pjuttost oġġetti ta' ġisem ħaj, jeżistu biex jaqdu l-istess ħajja misterika, għaliex huma assoċjati mal-misteru liturġiku. Mhux mingħajr sinjifikat li l-konsagrazzjoni ta' knisja ssir mhux biss bl-ilma mbierek imma wkoll biż-żejt tal-Griżma, li bih l-Isqof jidlek it-tnax-il salib imqegħdin fuq il-ħitan tal-knisja.

Mill-Knisja ta' San Salvatur, li hi inkluża fil-binja kbira tal-istess kunvent Franġiskan li jifforma ċ-ċentru tal-ħidma tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, ftit jidher minn barra. Jidher biss jispikka fil-għoli l-kampnar majestuż bis-salib imdawwal li jinkurunah, u li jiddomina fuq il-Belt il-Qadima ta' Ġerusalemm bħallikieku proklamazzjoni pubblika ta' fidi u punt ta' orjentament li hu inkonfondibbli għal min jaf it-topografija ta' Ġerusalemm. San Salvatur hi l-knisja ewlenija Kattolika u funzjonali ta' Ġerusalemm li tibqa' sinjal dejjiemi tal-preżenza Kristjana fl-Art ta' Ġesù, li tagħha l-Franġiskani ilhom kustodji u garanti għal tmien sekli sħaħ.



# MESSAĠĠIERA TA’ ALLA

*P Twanny Chircop ofm*

## ABRAHAM (I)

Ir-rakkont Bibliku jagħmel minn Abraham il-figura l-aktar importanti fl-istorja ta’ Iżrael. Abraham huwa ppreżentat bħala missier il-poplu ta’ Iżrael. L-istorja tas-salvazzjoni tibda bih u eventwalment issir l-istorja ta’ Iżrael. Il-milja ta’ din l-istorja sseħħ fil-persuna u l-missjoni ta’ Ġesù Kristu. Abraham huwa preżenti kemm fil-bidu u fit-tmiem ta’ din l-istorja qaddisa.

Teraħ, missier Abram, tah isem li jfisser “il-missier fil-għoli”. Wara is-sejħa ta’ Alla u l-wegħda li jagħmlu missier poplu kbir, Alla biddillu ismu minn Abram għal Abraham. Dan l-isem

hekk mibdul għandu t-tifsira "għax missier ta' ħafna ġnus nagħmel minnek" (Ġen 17,5). Dan joħroġ mit-test bibliku.

Fil-Ġenesi, Abraham huwa ppreżentat bħala bniedem li, iżjed minn oħrajn, għandu sejħa, eżaminat u ppruvat minn Alla. Minħabba li għandu fiduċja sħiħa fit-tjieba u l-wegħda ta' Alla, huwa jieħu lura l-kurrent tad-dnub li beda mid-dnub ta' Adam u Eva. San Pawl iħares lejh bħala eżempju ta' salvazzjoni li ġejja mill-fidi u mhux mill-opri. Jissejjaħ Abram minn Ġen 11,26 sa 17,5; jissejjaħ Abraham minn Ġen 17,5 sa 25,11.

- L-istorja ta' Abraham jew aħjar, ġabra ta' rakkonti fuq dan il-patrijarka, tinsab f'dawn il-kapitli tal-Ktieb tal-Ġenesi:
- Il-familja li minnha tnissel Abraham f'Ur tal-Kaldin (11,24-30);
- Is-sejħa ta' Abraham mill-Mulej u t-tweġiba tiegħu għal din is-sejħa (12,1-9);
- L-emigrazzjoni ta' Abraham lejn l-Eġittu (12,10-20);
- Il-kwistjoni bejn Abraham u Lot, bin ħuh Ħaran, u l-firda tagħhom minn xulxin(13,1-18);
- Ir-rebħa ta' Abraham fuq is-slaten tal-lvant u l-barka ta' Melkisedek lil Abraham (14,1-24);
- Il-patt bejn Alla u Abraham (15,1-20);
- L-istorja ta' Sara u Ħagar u t-twelid ta' Ismagħel (16,1-6);
- Il-patt bejn Alla u Abraham imwettaq bl-ordni taċ-ċirkonċiżjoni (17,1-27);
- Id-dehra tat-tliet anġli lil Abraham u t-tħabbira li għamlulu tat-twelid ta' Iżakk (18,1-33);
- Il-qerda ta' Sodoma u Gomorra (19,1-29);
- It-twelid ta' Iżakk u t-tkeċċija ta' Ħagar u binha Ismagħel (21,1-21);
- Il-prova ta' Abraham (22,1-9);
- Il-mewt u d-difna ta' Sara (13,1-20);
- Iż-żwieġ ta' Iżakk u Rebekka (14,1-67);
- L-aħħar jiem ta' Abraham, il-mewt u d-difna tiegħu meta kellu 175 sena (25,1-11).

Qabel ma nkitbu fil-Bibbja dawn ir-rakkonti kienu ilhom jeżistu fit-tradizzjonijiet orali minn fomm għal fomm. Fil-mixja tagħhom maż-żmien għaddew minn tibdil ta' żidiet u kuluri, kif dejjem jiġri meta ma jkunx hemm il-kitba. Huma stejjer veri, imma rrakkontati bil-libertà kif kienu jagħmlu l-antiki. Dan ma jnaqqas xejn mill-valur storiku tagħhom bħala forom letterarji li bihom Alla nqeda biex iwasslilna l-messaġġ tal-pjan tiegħu tas-salvazzjoni li beda jinħadem bis-sejħa ta' Abraham.

Għalkemm il-figura monumentali ta' Abraham, il-patrijarka primarju ta' Iżrael, għandu impatt fuq it-Testment l-Antik kollu, l-istorja essenzjali tiegħu tinsab f'Ġenesi 12-25. Illum huma ftit l-istudjużi

li jżommu li l-istorja ta' Abraham hija maħluqa minn Iżrael biex jipprova wieħed mill-eroj ta' missirijietu. Madankollu huwa ukoll veru li l-persuna ta' Abraham hija deskritta b'mod qawwi li joħroġ kemm bħala persuna simbolika kif ukoll bħala dik storika. U dak li Abraham jissimbolizza huwa xejn għajr il-veru relazzjoni bejn il-bniedem u l-Ħallieq tiegħu.

F'liema żmien għex Abraham? Din hi mistoqsija li matul iż-żminijiet ingħatat risposti differenti. Xi studjużi ħasbu li Abraham għex fi żmien meta Hammurabi kien sultan tal-Babilonja, fis-snin 1728-1686 QK. Dawn l-istudjużi identifikaw lis-sultan Amrafel li jissemma' f'Ġen 14,1, ma' dan Hammurabi u li għalhekk kien fi żmien Abraham. Opinjoni ta' oħrajn hi li s-snin 2000-1500 QK huma kkunsidrati bħala l-perjodu taż-żmien li fih għex Abraham. Din it-tieni opinjoni tidher li hi aktar aċċettata.

Ħafna dettalji tal-istorja ta' Abraham, kif rrakkuntat fil-Bibbja, jaqblu ma' dak li hu magħruf dwar il-kultura, it-tradizzjonijiet u l-liġijiet tal-poplu tal-artijiet li fi żmienhom għex Abraham u wliedu l-patrijarki. Dan l-għarfien wasal għandna permezz ta' dokumenti u kitbiet kif ukoll oġġetti rkuprati permezz tal-arkeoloġija f'postijiet fejn dak iż-żmien kien hemm bliet importanti fil-Mesopotamja, fil-Babilonja u f'Kangħan. Dak li nafu dwar Abraham mill-Bibbja; ismu, il-vjaġġi li għamel u l-bliet fejn kien jgħammar, ħajtu fil-familja u dettalji oħra, huwa kompatibbli mal-isfond kulturali ta' dawk l-artijiet fit-tieni millenju QK. L-arkeoloġija titfa'





dawl fuq l-istorja biblika ta' Abraham u filwaqt li tagħmel dan tikkonferma l-istoriċità tagħha.

Meta miet Abraham, ismu ma mietx miegħu. Huwa baqa' dejjem jissemma fl-istorja biblika kollha kemm hi. Hemm teoloġija sħiħa li l-awturi sagri tal-kotba Mqaddsa bnew madwar isem Abraham. L-istorja tas-salvazzjoni u tar-rivelazzjoni biblika tibda bih. Il-fidi tal-poplu ta' Alla fit-TQ isserraħ fuq is-sejħa tiegħu u fuq il-wegħdiet li Alla għamillu. Il-fidi tat-TĠ tinbena fuq il-fatt li dawn il-wegħdiet seħħew f'Ġesù Kristu. Il-Patrijarka Abraham huwa l-ħolqa li tgħaqqad il-Ġdid mal-Qadim. Abraham huwa l-pont ma jaqta' xejn bejn iż-żewġ Testmenti.

## Antik Testment

### *Is-Sejħa ta' Abraham.*

Alla sejjaħ lil Abraham b'mod sempliċi u sommarju, u r-risposta ta' Abraham kienet mingħajr ebda kundizzjoni: "U l-Mulej qal lil Abraham: "Qum u itlaq minn artek, minn art twelidek, u minn dar missierek, lejn l-art li jien nurik. U jien nagħmlek ġens kbir, nbierkek u nkabbarlek ismek, u int tkun barka. Jien inbierek lil min ibierkek, u nisħet lil min jisħtek. U jitbierku bik it-tribujiet kollha tal-art." U telaq Abram kif qallu l-Mulej." (Ġen 12.1-4).

Ma saret l-ebda mistoqsija, l-ebda tweġiba ma ngħatat. Is-sejħa ta' Abraham għaddiet minn ħajja statika, il-familja ta' qabel, għal ħajja ta' familja ġdida dinamika, fejn wieħed ma jafx il-futur, għax huwa Alla li jmexxi l-istorja. Il-patrijarka laqa' s-sejħa ta' Alla li jkun pellegrin; dan hu dak li dejjem għamel speċifika l-vokazzjoni tad-dixxendenti tiegħu.

Il-vjaġġ tiegħu ma kienx fil-vojt mingħajr ħsieb ta' xejn. Alla kien jaf id-destinazzjoni u ddikjarah bħala l-fus, il-perm tal-ħolma: "Jien nagħmlek ġens kbir, nbierkek…u jitbierku bik it-tribujiet kollha tal-art" (Ġen 12, 2-3).

Dak li Alla ippjana għal Abraham kien daqs hekk tajjeb u daqs hekk ġeneruż li Abraham jibqa' magħruf bħala mudell ta' persuna

mbierka. Fiż-żmien Alla baqa' jsaħħaħ il-wegħda li dak li wiegħed Alla kien se jagħtih. Alla qal lil Abraham li l-akbar xewqa tal-bniedem tista' tiġi rrealizzata u Abraham emmen din il-wegħda.

### *Abraham jiġi ppruvat.*

Iktar ma' Alla tkellem fil-miftuħ fuq il-wegħdiet, Abraham iżjed ġie konxju tal-frott tal-fiduċja tiegħu: "Sidi Mulej, x'se tagħtini, għax se nibqa' bla tfal…?" (Ġen 15, 2).

Ir-risposta ta' Alla kienet patt solenni ma' Abraham (Ġen 15, 7-21). Imma kien għad ma kellu ebda tifel. Fl-aħħar, fi xjuħitu huwa impinġi bħala dak li joffri ospitalità mill-aqwa lil tliet stranġieri (Ġen 18), dan jissimbolizza l-kontinwità tiegħu li jaċċetta l-misteru divin u l-perseveranza fil-vjaġġ tiegħu li ma kienx jaf fejn sejjer. Kontra kull aspettativa tiegħu ġie mogħti iben u l-problema tidher li ssolviet. Imma l-vera prova kienet għad trid tiġi.

Il-quċċata tas-sejħa ta' Abraham ġiet meta Alla kkmandah biex jissagrifika lil iben tiegħu Iżakk: "Aqbad lil ibnek il-waħdieni, li inti tħobb, lil Iżakk; u mur lejn l-art ta' Morija, u hemm offrih b'sagrifiċċju tal-ħruq fuq waħda mill-għoljiet li jien se ngħidlek" (Ġen 22, 2). Alla kien talab lil Abraham biex jitlaq id-dar tiegħu, allura jissagrifika il-passat; issa kien qed jitolbu jissagrifika l-futur.

Fit-tradizzjoni Lhudija, is-sagrifiċċju ta' Iżakk huwa msejjaħ *Akedah* jew "irbit ta' Iżakk" fil-verità huwa kkunsidrat bħala avveniment ċentrali fl-istorja tas-salvazzjoni, għax l-eżempju ta' Abraham huwa l-ogħla fiduċja fil-wegħdiet ta' Alla. Meta Abraham ġie mistoqsi minn Iżakk fejn hi l-vittma, irrispondih "Alla jaħseb hu għall-ħaruf għas-sagrifiċċju, ibni" (Ġen 22, 8), fil-fatt kien qed ipoġġi l-fiduċja u t-tama kollha tiegħu f'Alla. Miet għalih inniffsu biex Alla seta' jagħtih il-ħajja.

### *Alla japprova lil Abraham*

Alla jidħol fl-istorja biex iwaqqaf milli jseħħ is-sagrifiċċju ta' Abraham, waqt li jiddikjara "La tmiddx idek fuq iż-żagħżugħ u tagħmillu ebda ħsara; għax issa naf li inti tibża' minn Alla, u ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni" (Ġen 22, 12). Il-wegħdiet b'mod divin reġgħu ġew approvati u Alla ta lil Abraham ħajja ġdida, murija fi xbihat tal-poplu mnissel minnu u tal-art imwiegħda mogħtija lilu.

### *Kotba oħra ta' AT li jitkellmu dwar Abraham.*

Il-fidi ta' Abraham, speċjalment ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla, hija imsemmija ħafna drabi fil-istorja tal-poplu Lhudi, Iżrael. Minn żmien għal ieħor il-kittieba tal-AT ifakkru li Alla għamel wegħda li jagħti l-art lil missirijiethom, lil Abraham, lil Iżakk u lil Ġakob (eż. Dewt. 9, 5). U meta kienu fl-eżilju l-Iżraelin huma mfakkra li Alla sejjaħ lil Abraham "*il-ħabib tiegħu*" (Is 41, 8), u ma jistax jabbandunhom. Abraham huwa



ukoll mgħolli minn Bin Sirak fit-tifħir tiegħu għall-antenati ta' Iżrael (Sir 44, 19-21).

Fuq kollox it-tifsira prinċipali li għandu Abraham għal Iżrael, u bla dubbju għar-razza kollha tal-bnedmin, hija fir-relazzjoni li kellu mal-istorja li ġiet qablu. Abraham huwa ppreżentat bħala dak li qalleb, reġġa' lura l-istorja traġika tad-dnub u l-mewt. Adam huwa dak li rribella kontra l-ħallieq; Kajjin irrifjuta il-misteru li Alla "ma aċċettax l-offerta tiegħu" u qatel lil Abel; anke Noè kien iktar ikkonċentrat li jikkonserva il-ħolqien milli li jġedded il-ħolqien. Imma Alla f'Abraham sab il-persuna li bil-ġenerożità tagħha kienet se tħalli li l-pjan tal-bidu jiġi mġedded. Ix-xbiha ta' Alla reġgħet ġiet murija fl-ubbidjenza radikali tal-qaddej tiegħu. L-effetti ta' din l-ubbidjenza kienu verament ta' barka għan-nazzjonijiet kollha tad-dinja.

## Ġdid Testment

Mhux sorpriża li l-isem ta' Abraham huwa frekwenti ħafna fil-ĠT, meta huwa persuna daqshekk dominanti fl-istorja ta' Iżrael. B'mod partikulari l-komunitajiet insara kienu jżommu li huma parti mill-wegħda ta' Alla mogħtija lil Abraham (eż. Lq 1, 55;73). Bħala segwaċi ta' Ġesù kien jqisu lilhom infushom werrieta speċjali ta' din il-wegħda, li permezz tal-fidi, kienu jistgħu jifhmu iżjed fil-profond is-sens spiritwali tal-kelma ta' Alla mogħtija lil Abraham (eż. Mt 3, 9; Ġw 8,39-40). Dan il-mod ġdid kif għandha tiġi mifhuma l-wegħda huwa

espress b'mod l-aktar ċar fil-kitbiet ta' San Pawl.

### *Abraham fl-Ittra lir-Rumani.*

Wara li San Pawl jippreżenta t-tagħlim rivoluzzjonarju tiegħu rigward il-ġustifikazzjoni li tiġi permezz tal-fidi, indipendentement mill-opri tal-liġi, Pawlu jsaħħaħ it-tagħlim tiegħu permezz tal-istess skrittura, u jgħid li dan insibuh fl-istorja ta' Abraham. Pawlu jitfa' l-attenzjoni tiegħu mod partikulari fuq Ġenesi 15, fejn insibu ir-rakkont solenni tal-patt ta' Alla ma' Abraham. Abraham kien għadu kif qal lil Alla li huwa kien bla tfal u b'dispjaċir f'qalbu ssuġġerixxa li wieħed mill-qaddejja tiegħu jkun l-eredi. Imma minnu fih waqqaf dan il-ħsieb.

Alla tenna l-wegħda mill-ġdid: "Ħares sewwa lejn is-smewwiet u għodd il-kwiekeb, jekk għandek ħila tgħoddhom. U żied jgħidlu: Hekk għad ikun nislek" (Ġen 15,5). Il-wegħda hija waħda kbir u sserraħ biss fuq il-kelma ta' Alla. Imbagħad hemm il-kelmiet li Pawlu kien qed ifittex (kif insibuhom minsuġa fl-ittra lir-Rum 4,3): "Abraham emmen lil Alla u kien magħdud lilu b'ġustizzja" Pawlu ma tilifx żmien biex dan il-punt jagħmlu tiegħu: "Iżda min bla ma jagħmel opri, jemmen lil Alla li jiġġustifika lil min hu ħażin, din il-fidi tiegħu tingħaddlu b'ġustizzja" (Rum 4,5). Sempliċi ħafna, Abraham kien misjub ġust quddiem Alla mhux mill-opri iżda permezz tal-fidi. (L-istess ħsieb insibuh fl-ittra lill-Galatin 3,6ss).

Jekk Abraham ma ġiex ġustifikat permezz tal-opri jew l-osservanza tal-liġi, forsi kien permezz taċ-ċirkonċizjoni. Dan mhux il-kaz. Fil-fatt, jekk aħna naqraw it-test tal-Ġenesi b'attenzjoni nsibu li ċ-ċirkonċizjoni ta' Abraham hija msemmija wara d-dikjarazzjoni tal-ġustifikazzjoni ta' Abraham (Ġen 17, 10-11). Pawlu jikkonkludi: "Mbagħad irċieva s-sinjal taċ-ċirkonċiżjoni b'sinjal tal-ġustizzja permezz tal-fidi meta kien għadu bla ċirkonċiżjoni" (Rum 4, 11). Dan ir-rit jikkonferma d-dikjarazzjoni deċiżiva li ngħatat qabel li l-ġustifikazzjoni tiġi mill-fidi.

Dan ir-raġunar wassal lil Pawlu għall-konklużjoni qawwija, li l-ġustifikazzjoni ta' Abraham, li kienet mogħtija lilu għax hu emmen f'Alla li jwiegħed, ġiet qabel u kienet tmur lil hinn, kemm mil-liġi kif ukoll miċ-ċirkonċiżjoni, u għalhekk hi mogħtija lil kulħadd mingħajr eċċezzjoni bil-kondizzjoni li dak li jkun jemmen bħalma emmen Abraham. F'dan is-sens li Abraham jista' jiġi msejjaħ "il-missier tagħna lkoll" (Rum 4,16), kemm Lhud kif ukoll ġentili. Għalhekk, il-wegħda issa hi għad-dixxendenti universali ta' Abraham u "l-art" issir il-barkiet kollha messjaniċi li tilħaq il-milja tagħha fil-glorja eskatoloġika (taż-żmenijiet).

Pawlu jgħaddi biex jeżamina mill-qrib il-motivazzjoni tal-fidi ta' Abraham: "Missierna quddiem Alla li fih hu emmen, li jagħti l-ħajja lill-mejtin, u li jsejjaħ fl-eżistenza lil dak li ma jeżistix" (Rum 4,17). Fi kliem ieħor Abraham kisser l-evidenza tal-mewt fil-ġisem mortali tiegħu u f'dak kollu dwaru, għaliex poġġa l-fiduċja assoluta tiegħu fil-wegħda tal-għotja tal-Ħallieq li jagħti l-ħajja. F'dan Abraham huwa l-mudell għall-insara kollha li issa għandhom xhieda akbar tal-qawwa ta' Alla li jagħti il-ħajja murija fil-qawmien ta' Kristu (4, 24). Għalhekk, li tkun ġustifikat ifisser li jkollok id-don tal-ħajja fil-milja kollu tiegħu.

Pawlu mill-ġdid isejjaħ il-figura ta' Abraham fil-kapitolu 9 tal-ittra lir-Rumani, fejn jikkonsidra l-mistoqsija diffiċli tas-sens ta' Iżrael bħala poplu elett. Huwa juri li d-dixxendenza fiżika minn Abraham ma hi importanti xejn. Dak li jgħodd huwa li jkunu "Ulied il-wegħda" (9, 8), u dan jiġri biss meta jkun hemm il-fidi kif Pawlu jagħmilha ċara f'kapitlu 4 tal-ittra lir-Rumani.



# IL-FERĦ TAN-NISRANI FI KRISTU

*Fr Charles Buttigieg*

## Ħarsa lejn it-Tagħlim fl-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin

*"Hu li kellu n-natura ta' Alla ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa s-sura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; huwa umilja ruħu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib." (Filippin 2:6-8)*

## L-Ittra lill-Filippin

Wara li rajna flimkien iż-żewġ ittri ta' San Pawl lill-Korintin, issa jmiss nitrattaw erba' ittri oħra f'din is-sensiela, liema ittri huma mlaqqmin bħala 'mill-ħabs', għaliex inkitbu meta San Pawl kien għaddej minn mument ta' kustodja ta' priġunerija, dawn huma: l-ittra lill-Filippin li se naraw f'din il-ħarġa, u l-ittri lill-Efesin, lill-Kolossin u lil Filemon.

L-ittra lill-Filippin aktarx inkitbet meta San Pawl kien miżmum taħt kustodja libera jew arrest domiċiljari f'Ruma, b'suldat għassa miegħu bil-fakultà li jkompli l-predikazzjoni tiegħu (ara Atti 28:16-31), u dan wara li telaq bħala priġunier minn Malta fis-sena 60 W.K. Xi wħud isostnu però li din l-ittra setgħet inkitbet jew minn Efesu, jew Korintu jew Ċesarea Marittima fil-Palestina u għalhekk qabel is-sena 60 W.K., liema postijiet huma marbuta ma' xi priġunerija li kienu ta' diversi tipi, li għadda minnhom San Pawl. Huwa fatt ċertissimu, li San Pawl kien fil-ħabs minħabba l-Evanġelju diversi drabi, f'postijiet differenti. Skont l-ewwel ittra ta' Klement ta' Ruma lill-Korintin, San Pawl safa seba' darbiet marbut bil-ktajjen.

Hija miktuba għall-insara ta' Filippi, fil-Maċedonja, li tinsab fil-grigal tal-Greċja tal-lum, l-ewwel belt fl-Ewropa li fiha mar San Pawl fit-tieni vjaġġ missjunarju, wara li fi Troas kellu viżjoni billejl li jmur hemm (ara Atti 16:6-15). Dan kien 'turning-point' importanti fil-ħidma missjunarja ta' San Pawl, fil-*plantatio ecclesiarum*, jiġifieri fil-ħidma tiegħu 'ta' tħawwil tax-xitla tal-Knisja' f'diversi bliet ta' dak iż-żmien; għaliex jidher li San Pawl ma kienx sejjer fil-Punent fl-Ewropa, imma lejn l-Lvant fil-Bitinja, fin-naħa ta' fuq tal-Asja Minuri fejn il-Baħar l-Iswed: "X'ħin waslu fi truf il-Misja, riedu jibqgħu sejrin sa Bitinja imma l-Ispirtu ta' Ġesù ma ħallihomx" (Atti 16:7). Filippi kienet kolonja qawwija Rumana, bil-privileġġ ruman *ius italicum* fejn il-komunità kienet tgawdi kull protezzjoni tal-liġi Rumana. Qribha kien hemm il-port importanti ta' Neapolis. L-isem tagħha kien għal missier Alessandru l-Kbir, Filippu Re tal-Maċedonja, liema isem bil-Grieg ifisser 'wieħed li jħobb iż-żwiemel', għax kienet appuntu mwaqqfa minnu madwar is-sena 358 Q.K. Din il-komunità kienet għal Pawlu l-'ferħ u l-kuruna tiegħu' u diversi drabi huwa rċieva l-għajnuna minn għand din il-komunità: "għax meta kont Tessalonika bgħattuli għal darba tnejn, dak li kont neħtieġ" (Fil 4:16; ara ukoll 2 Kor 11:19). Ġewwa Filippi naraw il-konverżjoni, anzi l-ewwel konverżjoni fl-Ewropa dik ta' mara, ta' Lidja minn Tijatira (fl-Asja Minuri) u l-familja tagħha (ara Atti 16:14-15), għandna ukoll il-konverżjoni tal-għassies Ruman tal-ħabs tal-Filippi u l-familja kollha tiegħu (ara Atti 16:30-33). F'din l-ittra, imwassla lill-Filippin permezz tal-kollaboratur Epafroditu, San Pawl jiftaħ qalbu magħhom u jurihom



il-pjanijiet tiegħu għalihom li jibgħatilhom lil Timotju, filwaqt li jinkoraġġihom fil-mixja ta' ħajja ġdida nisranija li kienu qed jagħmlu u ma jagħtux każ tat-tfixkil.

## Il-Ferħ tan-Nisrani

Meta wieħed jifli sewwa din l-ittra jinduna b'dan l-ispirtu ta' ferħ li bih San Pawl jikteb din l-ittra, liema ferħ huwa ried inissel fil-komunità: "Nizzi ħajr lil Alla tiegħi kull meta niftakar fikom; u kull darba li nitlob għalikom ilkoll, nitlob bil-ferħ minħabba s-sehem li intom ħadtu fit-tixrid tal-Evanġelju mill-ewwel jum sa issa. U jien qalbi qawwija li Dak li beda fikom dax-xogħol ta' fejda, ikomplih sa ma jtemmu fil-jum ta' Kristu Ġesù. Intom dejjem f'qalbi" (Fil 1:3-8). Naraw fl-ittra l-ferħ tal-Evanġelju ta' Kristu, il-ferħ li tnissel il-fidi, il-ferħ fit-talb, il-ferħ tal-konverżjoni, il-ferħ bħala don, il-ferħ tal-laqgħa, u anke l-ferħ marbut mat-tbatija għal Kristu: "u dan iġegħilni nemmen li nibqa' u ndum magħkom ilkoll għall-aħjar tagħkom u għall-ferħ tal-fidi tagħkom, biex tifriħu bija fi Kristu Ġesù meta nerġa' niġi għandkom" (Fil 1:25-26). Dan il-ferħ m'huwiex biss sentiment imma huwa marbut mal-persuna ta' Ġesù Kristu: "jiena nifraħ fuq li nifraħ magħkom ilkoll. U hekk ukoll intom għandkom tifirħu fuq li tifirħu miegħi" (Fil 2:18). L-imħabba tal-komunità għal Pawlu kienet fuq kollox espressjoni tal-imħabba għal Kristu u għalhekk taqbel ħafna hawnhekk il-frażi ta' San Ġwann Kriżostmu *Cor Pauli cor Christi*, 'Qalb Pawlu, Qalb Kristu', jiġifieri nagħrfu l-qalb ta' Kristu permezz dik ta' Pawlu. Żgur li dan l-ispirtu ta' ferħ li naraw f'din l-ittra għen ħafna lill-insara u fit-tixrid tal-Evanġelju ta' Kristu.

## L-Innu Kristoloġiku

Fil-Kapitlu 2 versi 6-11 insibu kapulavur ta' innu li juri l-kobor tal-Misteru tal-Inkarnazzjoni u tar-Redenzjoni permezz ta' Kristu: "Hu li kellu n-natura ta' Alla ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa s-sura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher

minn barra bħala bniedem; huwa umilja ruħu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollih sas-smewwiet, u tah isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù il-ħlejjaq kollha fis-sema, fl-art u taħt l-art jinżlu għarkopptejhom, u kull ilsien jistqarr li Ġesù Kristu hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier".

Żgur li dan l-innu lil Kristu (għalhekk kristoloġiku) li jurina San Pawl, kien użat fit-talb u fil-liturġija tal-ħajja tal-ewwel insara. Fih naraw il-qofol tat-tagħlim ta' San Pawl dwar Ġesù Kristu (Kristoloġija Pawlina) li għalih kien kollox: "Għax għalija l-ħajja hi Kristu u l-mewt qligħ" (Fil 1:21). Żgur li tkun idea tajba li nimmeditaw dan l-innu, tant li iktar ma nibdew naqrawh nibdew inkantawh f'ispirtu ta' ferħ.

## Konklużjoni

In-nisrani għalhekk huwa mistieden li jibni ħajtu fuq l-eżempju ta' Kristu li rebaħ billi obda sal-mewt tas-salib. Nilqgħu għalhekk l-istess awgurju li jagħmel San Pawl lill-Filippin: "U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bil-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu" (Fil 1:9-10).

## Biblijografija


Buckley, T.W., *Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul*, Boston (MA) 1981.

Għidelli, C., *Un Anno con San Paolo*, Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano – Ortona per l'anno dedicato a San Paolo, Torino 2008.

Gnilka, J., *Lettera ai Filippesi*, Roma 1986.

Hawthorne, G.F., "Lettera ai Filippesi", in G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), *Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, Torino 2000, 632-642.

Ware, J.P., *The Mission of the Church in Paul's Letter to the Philippians in the Context of Ancient Judaism*, *Novum Testamentum Supplements* 120, Leiden 2005.

Watson, D.F., "A Rhetorical Analysis of Philippians and its Implications for the Unity Question", *NT* 30 (1988) 57-88.






# L-OMM TA' ĠESÙ ĦDEJN IS-SALIB (3)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Fix-xena ta' qabel dawn l-erba' nisa li kien hemm ħdejn is-salib ta' Ġesù, Ġwanni tkellem u semma' l-erba' suldati pagani, għax Rumani, li qasmu bejniethom il-libsa ta' Ġesù f'erba' ishma (Ġw 19, 23-24). L-effett għammieli tal-mewt ta' Ġesù dritt ħalliet ir-riżultat pożittiv tiegħu: dan għaliex pagani u Lhud isibu mill-ġdid l-għaqda madwar Marija, Sijon il-ġdida u

madwar Ġesù t-tempju il-ġdid mhux mibni minn idejn il-bnedmin!

L-ulied, irġiel u nisa tal-Missier isibu u jidħlu fl-adozzjoni grazzi għall-merti tal-erba' ommijiet u speċjalment tal-omm Marija. Hawn aktar ma wieħed jipprova jifhem "il-kif" ta' din il-filjolanza u l-adozzjoni, hemm bżonn li jħaddem aktar il-fidi tiegħu. Bir-raġuni biss xejn mhu faċli li tasal għal din il-konklużjoni.

Fit-tradizzjoni ġudajka, in-numru erba' jissimboleġġja wkoll l-universalità, u dan għaliex hemm imdaħħla l-erbat irjieħ tad-dinja. Sewwa li hawn wieħed ifakkar ukoll fl-erba' ħxejjex li l-Lhud jużawhom fil-festa tal-Għerejjex. Dawn huma il-frieghi tal-palm; dawk tar-riħan, dawk taż-żafżaf, u dawk tas-siġar tal-lumi, t-tronġa. F'mument wieħed in-nies jibdew ixejru dawn il-friegħi lejn l-erba' direzzjonijiet tad-dinja, biex hekk juri l-universalità tagħha. Issa fil-Ġudajiżmu hemm mara li għandha x-xogħol li tati lid-dinja s-salvazzjoni universali-messjanika. Hija Sijon il-ġdida li għandha tiġġenera l-poplu ta' Alla.

## Xi profeti

Issa it-tieni (Is 40-55), u t-tielet Isaija (56-66) jitkellmu mir-raġuni ta' dan il-ħlas metaforiku ta' Sijon. "Mbagħad int tgħid f'qalbek; 'Min welidli 'l dawn, meta jien bla tfal, ħawlija, Min rabbihomli" (Is 49, 21). Kif ukoll: "Qabel stess ma tkagħwġet, ħelset; qabel ma ġiha uġigħ il-ħlas wildet iben. Min qatt sama' b'dan? Min qatt ra ħaġa bħal din? Jista' pajjiż isir f'jum wieħed? Jista' poplu jitwieled f'waqt wieħed? Iva, Sijon, malli ħasset uġigħ il-ħlas, wildet lil uliedha" (Is 66,7-8).

Ġw 16,19-22 jippreżenta l-passjoni bħala l-kompiment tal-profeziji relattivi mal-ħlas tal-poplu messjaniku bl-opra tal-Mara-Sijon. Hekk allura wieħed jifhem aktar it-titlu ta' "mara", mogħti minn Ġesù lil ommu Marija. Il-profezija tal-Mara-Sijon titkompla meta Marija, bħal Sijon tirċievi minn uliedha li hija stess ma ġġeneratx, u li jagħtihomlha Ġesù fil-persuna ta' Ġwanni. Neqsin mill-preżenza ta' Ġesù, d-dixxipli għad ikunu maħbubin mill-omm-Sijon u li din ma tasal qatt biex titlaq u tabbanduna 'l uliedha.

## Is-simbolu tas-salib

Ġwanni jkompli jisfrutta simbolu ieħor, dak tas-Salib; bħala s-siġra fin-nofs tal-ħajja b'riferenza indiretta għas-siġra fil-Ġnien tal-Għeden li din ukoll kienet fin-nofs. Issa taħt jew maġenb is-siġra tal-Ġenna tal-Art, kien hemm Adam u martu Eva. Il-kliem ta' Ġesù jippreżenta u jħaddan iż-żewġ aspetti: raġel u mara; u dan għaliex dejjem skont Ġen 1, 3 wieħed ma jistax jiġi mifrud mill-ieħor.

Fil-kliem indirizzat lill-mara, jidher li l-vokazzjoni u l-identità tar-raġel jikkonsistu li jkunu ulied. Fil-kliem indirizzat lid-dixxiplu, juri li l-vokazzjoni u l-identità tal-mara hija li tkun omm. Ir-rapport komplementari tar-raġel u tal-mara ħdejn is-salib, is-siġra ġdida tal-ħajja, ma jirrifletti xejn il-ħolqien ta' wieħed u tal-ieħor immaġni u xebh ta' Alla. Kien taħt is-siġra tal-Għeden li ġiet maħluqa l-mara mill-kustilja ta' Adam, u ġiet ippreżentata bħala għarusa. Flimkien ma' Adam, hija saret omm tal-ħajjin kollha.

Ġerusalemm il-ġdida hija dik il-mara maħluqa minn Alla nieżla mis-sema, hija l-għarusa tal-Ħaruf (Ap 19,7); hija l-omm ta' iben u ta' dawk kollha li jagħtu xhieda għalih (Apk 12,17). Ħdejn is-siġra tas-salib hemm Marija, magħmula omm tad-dixxipli, u li huma rrappreżentati mid-dixxiplu l-maħbub. Marija hija Eva l-Ġdida, l-omm tal-ħajjin kollha u ta' kull min jemmen. Ir-razza tagħha għandha l-missjoni li tisħaq ras is-serpernt (Ġen 3,15).

Fuq il-Golgota hija ras is-serpent li għandha tiġi mħażqa minn ulied Eva stess. Marija hija Eva l-Ġdida meta saret l-omm tad-dixxiplu l-maħbub. L-ispirtu jwelled lil dawk li jemmnu u li jidħlu fil-familja

ta' Alla. Marija mhux biss hija identifikata mal-mara tal-Ġenesi, li r-razza tagħha tiżħaq ras is-serpent, imma hija msieħba wkoll mat-trionf tal-Iben tagħha l-aktar fil-qawmien glorjuż tiegħu. L-idea ta' ħolqien ġdid mhix barranija għar-rakkont tal-Mewt – Qawmien. Huwa Ġwanni waħdu li jaċċenna għall-fatt li l-qabar ta' Ġesù kien fil-ġnien.

Loisy jikkummenta hekk din il-ġrajja mimlija tifsir. "Ma hijiex xi ħaġa battala li wieħed jissupponi li dan il-ġnien, imqiegħed maġenb il-post fejn il-għajn tal-ħajja nixxiet (ħarġet) mill-ġenb tas-Salvatur, u fejn il-Knisja twieldet simbolikament mill-kustat, kif Eva twieldet minn ġenb Adam. Mhix ħaġa battala (fierħa) li dan il-post li għad jara 'l Kristu imqajjem fil-glorja tal-ħajja ta' dejjem, qiegħed f'rapport mal-ġnien tal-Għeden, il-veru Għeden il-ġnien ta' Alla".

Ġwanni jaqsam man-nisrani tal-qedem l-idea li l-Passjoni bħala ħlas ta' tarbija. F'Ġw 20.7 wieħed mir-riżultati tal-mewt ta' Ġesù hija li l-bnedmin kolha jistgħu jissejħu "aħwa" ta' Ġesù. Huwa l-istess daqs li kieku tgħid li l-Kalvarju ta lil Marija ulied oħra flimkien ma' Ġesù.

Ġw 19,25-27 huwa test importanti ekkleżjoloġiku u marjoloġiku. Fil-għeluq tal-kanoni spirat tat-T.Ġ, Ġwanni fehem sewwa r-rwol ta' Marija fi ħdan il-Knisja. Ġwanni ried juri f'Marija l-prototip tal-Knisja. Huwa veru li l-ekkleżjoloġija tista' tagħmel aktar għanja l-marjoloġija. Però jista' jingħad dejjem aktar bil-qawwa li l-Marjoloġija tagħmel integrali u tati l-ħajja lill-ekkleżjoloġija.





# L-INTERPRETAZZJONI TAL-ISKRITTURA FL-EŻORTAZZJONI APOSTOLIKA VERBUM DOMINI

***P Marcello Ghirlando ofm***

It-tielet titlu tal-ewwel parti tal-Eżortazzjoni Apostolika *Verbum Domini* jitħaddet fuq l-Interpretazzjoni tal-Iskrittura (numri 29 - 49). Is-Sinodu tal-Isqfijiet tal-2008 ħass il-bżonn li jiddiskuti fit-tul din il-kwistjoni u l-Papa, f'din l-Eżortazzjoni, ried jagħti tweġiba għad-diversi mistoqsijiet li spiss nagħmlu l-*Insara fuq il-kif għandna naqraw u ninterpretaw*

l-Iskrittura Mqaddsa. Dan anke minħabba l-fatt li spiss irridu nħabbtu wiċċna ma' diversi membri ta' setet insara li jippruvaw jinterpretaw l-Iskrittura b'kriterji u prinċipji li mhumiex għal kollox tajbin u li nfatmu sewwa mit-tradizzjoni ħajja tal-Knisja Universali. Ħalli nġibu quddiem għajnejna xi prinċipji fundamentali li jitkellem fuqhom il-Qdusija Tiegħu Benedittu XVI f'din l-Eżortazzjoni Appostolika.

## Dei Verbum 12

Qabel ma naraw fil-qosor dawn il-prinċipji, naħseb li jkun tajjeb jekk inġibu quddiem għajnejna dak li l-Konċilju kien kiteb fuq l-Interpretazzjoni tal-Iskrittura fil-Kostituzzjoni Dommatika fuq ir-Rivelazzjoni Divina numru 12.

"Billi Alla fl-Iskrittura Mqaddsa tkellem permezz ta' bniedem u bi kliem il-bnedmin, min ifisser l-Iskrittura Mqaddsa, biex jifhem sewwa dak li Alla ried igħarrafna, għandu jfittex b'attenzjoni x'fehmu jfissru l-kittieba sagri u x'għoġbu Alla jgħarrafna bi kliemhom".

"Biex insibu l-intenzjoni tal-kittieba sagri għandna nagħtu kas ukoll, fost ħwejjeġ oħra, tal-forom letterarji. Għaliex il-verità titqiegħed quddiemna u titfissrilna b'modi differenti, skont jekk it-test ikunx ta' storja jew ta' profezija jew xi forma poetika jew forom oħra ta' espressjoni. Jeħtieġ mela li l-interpretu jfittex is-sens li l-kittieb sagru ried ifisser f'ċirkustanzi determinati, skont il-kundizzjoni ta' żmienu u tal-kultura tiegħu permezz tal-forom letterarji użati f'dak iż-żmien. Għaliex biex tifhem sewwa dak li l-kittieb sagru ried igħid bil-kitba, għandna noqogħdu attenti sew għall-manjieri kif kienu soltu jifhmu jew ifissru rwieħhom jew jirrakkuntaw in-nies fiż-żmien tal-kittieb sagru kemm għall-mod kif kienu jġibu ruħhom bejniethom il-bnedmin f'dak iż-żmien".

Imma, billi l-Iskrittura Mqaddsa għandha tinqara u tkun interpretata bl-għajnuna tal-istess Spirtu s-Santu li permezz tiegħu nkitbet, biex wieħed isib sewwa s-sens tat-testi mqaddsa għandu jħares, mhux b'anqas diliġenza, għal dak li hemm miġbur fl-Iskrittura kollha u għall-unità tagħha, u jżomm ukoll kif jixraq quddiem għajnejh it-tradizzjoni ħajja tal-Knisja kollha u tal-analoġija tal-fidi. Huwa xogħol tal-eżeġeti li jagħtu sehemhom skont dawn ir-regoli biex is-sens tal-Iskrittura Mqaddsa jinftiehem u jitfisser aħjar, u hekk bi studji f'ċertu sens preparatorji jista' jimmatura ruħu l-ġudizzju tal-Knisja. Dak li ntqal s'issa fuq kif għandna ninterpretaw l-Iskrittura fl-aħħar huwa suġġett għall-ġudizzju tal-Knisja li taqdi d-dmir u l-ministeru tagħha ġej minn Alla u tħares u tinterpreta l-Kelma ta' Alla".

## Il-Knisja: il-kuntest vitali għall-interpretazzjoni tal-Iskrittura.

L-interpretazzjoni awtentika tal-Iskrittura Mqaddsa trid neċessarjament issir fil-kuntest vitali tal-fidi u tal-ħajja tal-Knisja. Il-Papa jikkwota d-Duttur Franġiskan San Bonaventura li jistqarr li minngħajr id-don tal-fidi mgħandniex iċ-ċavetta biex niftħu beraħ l-Iskrittura: "Dan huwa l-għarfien ta' Ġesù Kristu li minnu, bħal xmara, toħroġ iċ-ċertezza u l-għarfien ta' kollha kemm hi l-Iskrittura Mqaddsa. Ma nistgħux naslu għall-għarfien ta' dik il-verità jekk mgħadniex il-fidi fi Kristu, li hija d-dawl, il-bieb u s-sies ta' kollha kemm hi l-Iskrittura".

Il-kuntest vitali għall-interpretazzjoni tal-Iskrittura hija l-ħajja tal-Knisja. Dan il-kriterju fundamentali għall-interpretazzjoni tal-Iskrittura joħroġ min-natura stess tal-Iskrittura u l-mod ta' kif din l-istess Skrittura ssawret. Jekk hija l-fidi u l-ħajja tal-poplu ta' Alla li serviet bħala kuntest vitali tal-awturi sagri, daqshekk ieħor hija l-fidi u l-ħajja tal-Knisja, il-poplu l-ġdid ta' Alla, li jrid ikun il-kriterju awtentiku ta' kif għandha tinqara u tiġi interpreta l-Iskrittura Mqaddsa. Il-Konċilju Vatikan II, fil-

Kostituzzjoni Dommatika fuq ir-Rivelazzjoni Divina numru 12 kien saħaq: "L-Iskrittura Mqaddsa trid tinqara u tiġi interpretata fid-dawl tal-istess Spirtu s-Santu li nebbaħha". Mela, fil-Knisja, kulħadd għandu jersaq lejn l-Iskrittura bħala l-Kelma ta' Alla mwassla lilna permezz ta' kelmet il-bniedem. Il-Bibbja stess tistqarr fil-fatt: "Li l-ebda profezija tal-Iskrittura ma għandu ħadd ifissirha minn rasu. Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bniedem; imma, meta l-bnedmin tkellmu f'isem Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu" (2Pt 1, 20-21). Hija l-fidi tal-Knisja li tagħraf fil-Bibbja l-Kelma ta' Alla. Huwa l-Ispirtu s-Santu li jagħti l-ħajja lill-Knisja, li jagħtiha l-qawwa biex tinterpreta l-Iskrittura b'awtorità. Il-Bibbja hija l-Ktieb tal-Knisja u l-post essenzjali li għandha fil-ħajja tal-Knisja tnissel l-interpretazzjoni ġenwina u awtentika.

F'dan il-kuntest il-Papa jfakkarna f'parir siewi li kien jagħti San Ġirolmu, li kien jinsisti li l-Bibbja hija leħen il-poplu pellegrin ta' Alla u li fi ħdan il-fidi ta' dan il-poplu biss nistgħu nifhmu l-Iskrittura: li ma nistgħux naqraw l-Iskrittura waħedna. Ma nistgħux naqraw l-Iskrittura miftumim mill-fidi u l-ħajja tal-Knisja. Min jaqra l-Iskrittura waħdu spiss isib ruħu wiċċu mal-ħajt u faċli naqgħu fl-iżball. Il-Papa jistqarr: "Il-Bibbja nkitbet mill-Poplu ta' Alla għall-Poplu ta' Alla, imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu. Huwa biss f'komunjoni mal-Poplu ta' Alla li nistgħu flimkien nidħlu fil-qalba tal-verità li Alla nnifsu jixtieq jgħaddielna". Għalhekk kull interpretazzjoni awtentika tal-Bibbja trid tkun f'armonija mal-fidi tal-Knisja Kattolika. Kull interpretazzjoni tal-Iskrittura trid tkun neċessarjament imlaqqma wkoll fil-fidi u fil-ħajja nisranija mgħixha. Hu għalhekk ukoll li "is-smigħ tal-Kelma ta' Alla tnissel u tkattar il-komunjoni ekkleżjali fost dawk kollha li jimxu bil-fidi" (30).

## L-Interpretazzjoni tal-Iskrittura skont il-Konċilju Vatikan II

Wara li l-Papa jagħti sintesi ta' kif il-Knisja ħarset lejn



il-metodu storiku-kritiku għall-interpretazzjoni tal-Iskrittura f'dawn l-aħħar tmenin sena, fin-numru 34 tal-Eżortazzjoni hu jerġa' jipproponi l-prinċipju ta' interpretazzjoni propost mill-Konċilju Vatikan II (*Dei Verbum*, 12): "Billi Alla fl-Iskrittura Mqaddsa tkellem permezz ta' bniedem u bi kliem il-bnedmin, min ifisser l-Iskrittura Mqaddsa, biex jifhem sewwa dak li Alla ried igħarrafna, għandu jfittex b'attenzjoni x'fehmu jfissru l-kittieba sagri u x'għoġbu Alla jgħarrafna bi kliemhom". Il-Konċilju jinsisti fuq l-importanza tal-mod kif kitbu l-awturi sagri (forom letterarji) u l-kuntest storiku li fih kitbu bħala elementi bażiċi biex wieħed jasal jifhem dak li huma riedu jgħaddulna. Fl-istess ħin, għaliex l-Iskrittura trid tiġi moqrija u mifhuma fl-istess Spirtu li fiha inkitbet, il-Konċilju insista fuq tliet kriterji fundamentali biex tiġi apprezzata d-dimensjoni divina tal-Bibbja. Il-Papa jagħtina dawn it-tliet kriterji:

1. It-test bibliku jrid jiġi interpretat b'attenzjoni għall-unità tal-Iskrittura kollha kemm hi, dik li llum tissejjaħ 'esiġeżi kanonika'.
2. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh il-mod ta' kif il-Knisja interpretat l-Iskrittura matul is-sekli, dik li tissejjaħ 'it-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja'.
3. Wieħed irid jirrispetta dak li emmnet il-Knisja sa mill-bidu tagħha u li tissejjaħ 'l-analoġija' jew ir-regola 'tal-fidi'.

Dawn it-tliet kriterji fundamentali jgħinu għall-interpretazzoni awtentika tal-Iskrittura Mqaddsa. Dan għaliex jgħinu biex wieħed jistudja b'mod xjentifiku l-kotba bibliċi, studju xjentifiku li ma jqisx l-Iskrittura biss bħala test miktub biss fil-passat, imma bħala kitba ħajja, test ħaj miktub anke għallum u milqugħ bil-fidi ħajja tal-Knisja. L-Iskrittura li tiġi studjata b'kriterji xjentifiċi u storiċi trid issaħħaħ il-fidi tal-Knisja li, imlaqqma fl-istorja tal-poplu ta' Alla, temmen li Alla daħal fl-istorja vera tal-bnedmin u jibqa' ikellem il-bniedem tal-lum b'dawn l-interventi storiċi u b'awn l-esperjenzi ta' fidi miġbura fil-Kotba Mqaddsa.

Hu f'dan il-kuntest, jistqarr Benedittu XVI, li allura l-Iskrittura ssir anke 'r-ruħ tat-teoloġija'. Teoloġija li trid tiġi eżistenzjalment imlaqqma fl-Iskrittura u fl-interpretazzjoni ekkleżjali tagħha.

## Inħarsu lura biex nimxu 'l quddiem

Interpretazzjoni tajba tal-Iskrittura Mqaddsa trid tikber billi l-Knisja tħares ftit lura lejn il-mod ta' kif Missirijiet il-Knisja qraw u interpretaw il-Kotba Bibliċi. Dan anke meta niftakru li ma kellhomx l-għejun storiċi u filoloġiċi li għandhom l-eżeġeti tal-lum.

Hawnhekk il-Papa jfakkarna kif Missirijiet il-Knisja u l-eżeġeti medjevali kienu jiddistingwu bejn is-sens litterali u s-sens spiritwali tal-Iskrittura (37). Kull interpretazzjoni tal-Iskrittura trid titlaq mis-sens litterali, kif jistqarr San Tumas t'Akwinu, u trid tkun dejjem imlaqqma fil-fidi. Interpretazzjoni li mbagħad trid neċessarjament tmiss il-kontenut tal-fidi, il-ħajja morali, jiġifieri kif wieħed jgħix, u t-twettiq tat-tama fid-destin aħħari ta' kull bniedem. Kull interpretazzjoni trid titlaqqam neċessarjament fil-fidi tagħna fil-preżent. Kull interpretazzjoni tal-Iskrittura tkompli tgħarrafna li l-Kelma ta' Alla hija ħajja, ġiet miktuba għalina llum. Kull interpretazzjoni tal-Iskrittura, bħala proċess vitali, trid titlaq mill-Kelma miktuba għall-esperjenzi veri tal-ħajja konkreta tagħna, għall-ħajja ġdida skont l-Ispirtu li rċevejna fil-Magħmudija tagħna.

Fid-dawl ta' dan il-Papa Benedittu jitkellem fuq tliet affarijiet importanti. Ifakkarna fl-għaqda intrinsika tal-Iskrittura Mqaddsa. Anke jekk il-Bibbja hija ġabra ta' kotba, ġabra ta' dokumenti u testi li ssawru u nkitbu matul medda ta' mijiet ta' snin, fiha

hemm għaqda li toħroġ mill-verità li dawn huma l-Kelma ta' Alla. Kelma ta' Alla li tisfidana u kontinwament issejħilna għall-konverżjoni. Il-kelmiet ta' Ugo ta' San Vitor idawluna: "L-Iskritturi kollha huma ktieb wieħed, u dan il-ktieb wieħed jitkellem minn Kristu u jsib il-milja tiegħu fi Kristu".

Il-Papa jfakkarna fuq ir-relazzjoni li tgħaddi bejn it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid. Huwa t-Testment il-Ġdid li jilqa' t-Testment il-Qadim bħala 'Kelma ta' Alla' u l-Mewt u l-Qawmien tal-Mulej Ġesù huma meqjusa bħala l-milja u t-twettiq tat-Testment il-Qadim. L-Insara qraw u jaqraw it-Testment il-Qadim fid-dawl ta' Kristu. Jinterpretaw il-Kotba tat-Testment il-Qadim b'mod Kristoloġiku. San Girgor il-Kbir jistqarr tajjeb meta jgħid: "Dak li wiegħed it-Testment il-Qadim, urih it-Testment il-Ġdid; dak li wieħed iħabbar b'mod moħbi, l-ieħor iħabbru preżenti. It-Testment il-Qadim huwa profezija tat-Testment il-Ġdid; l-aħjar kummentarju tat-Testment il-Qadim huwa t-Testment il-Ġdid.

Il-Papa mbagħad jgħid kelma fuq it-testi 'oskuri' tal-Iskrittura, testi li jista' jkun jiskandalizzawna għax ikunu vjolenti u immorali. Il-Papa ifakkarna li Alla irrivela lilu nnifsu u l-pjan tiegħu fl-istorja b'mod progressiv. Ma niskantawx jekk f'xi testi antiki l-idea ta' Alla u tal-pjan tiegħu huma ħafna 'l bogħod mir-rivelazzjoni li nsibu fil-Ġdid Testment. Dawn huma testi



li jikkonfermaw kemm Alla verament daħal fl-istorja u kemm tassew ir-rivelazzjoni saret ftit ftit. Huma testi li jirriflettu l-ewwel passi tar-rivelazzjoni ta' Alla u tal-pjan salvifiku tiegħu. Testi 'oskuri' li mghandhomx ifixkluna imma li għandna nkomplu nifhmuhom ukoll fid-dawl ta' Kristu.

## L-Interpretazzjoni fundamentalista tal-Iskrittura Mqaddsa

Fin-numru 44 tal-Eżortazzjoni Appostolika l-Papa jitkellem fuq l-interpretazzjoni fundamentalista tal-Iskrittura Mqaddsa. Kienu bosta l-membri



tas-Sinodu tal-Isqfijiet li kienu tkellmu fuq dan fl-interventi tagħhom. Il-Papa jfakkar fil-linji gwida li kienet tat il-Kummissjoni Biblika Pontifiċja fid-dokument *L-Interpretazzjoni tal-Bibbja fil-Knisja.* Il-Papa hawnhekk jagħżel li jgħid kelma fuq id-diversi metodi ta' interpretazzjoni li ma jirrispettawx l-awtentiċità tat-test bibliku imma jippreferu interpretazzjoni suġġettiva u arbitrarja. Dan jissejjaħ 'litteraliżmu': huwa karatteristika tal-fundamentaliżmu bibliku li spiss huwa miftuħ għall-interpretazzjoni żbaljata u li tiġi manipulata biex tkun anti-ekkleżjali. Il-Kummissjoni Biblika Pontifiċja kienet stqarret: "Il-problema bażika tal-interpretazzjoni fundamentalista hi li, meta tirrifjuta li tieħu f'konsiderazzjoni l-karattru storiku tar-rivelazzjoni biblika, issir inkapaċi li tilqa' anke l-verità sħiħa tal-Inkarnazzjoni. Fil-kuntest tar-relazzjoni ma' Alla, il-fundametaliżmu jaħrab mir-realtà ta' qrubija tad-divin mal-uman...għal din ir-raġuni hemm it-tendenza li tqis it-test bibliku daqs li kieku ġie dettat kelma b'kelma mill-Ispirtu. Ma tagħrafx li l-Kelma ta' Alla ġiet espressa bil-lingwaġġ u l-espressjonijiet ikkondizzjonati miż-żminijiet differenti". Il-Kristjaneżmu, mill-banda l-oħra, jara fil-kelmiet il-KELMA nnifisha, il-*Logos,* il-Verb ta' Alla li jirrivela l-misteru tiegħu fil-komplessità tal-istorja umana.

Il-Papa jistqarr li t-tweġiba għall-interpretazzjoni fundamentalista tal-Iskrittura hija l-interpretazzjoni tal-fidi. Dan il-mod ta' interpretazzjoni, ipprattikat mill-Knisja fit-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja, tfittex il-verità li ssalva għan-nisrani u għall-Knisja. Tagħraf il-valur storiku tat-tradizzjoni biblika u s-sens ħaj tal-Iskrittura għall-preżent ta' kull min jemmen mingħajr ma tinjora il-medjazzjoni umana tal-Kelma mnebbħa u l-forom letterarji tagħha.




# IL-LHUD FIL-KITBIET TAT-TESTMENT IL-ĠDID

*Rev Dr Martin Micallef OFM Cap*

Wara li ħarisna lejn kif il-Kotba Mqaddsa li l-Insara tal-bidu wirtu mingħand il-Lhud u kif dawn ġew interpretati b'mod ġdid fid-dawl tal-ġrajjiet ta' Ġesù Kristu, u wara li ħarisna lejn kif matul l-istorja dan il-mod ta' interpretazzjoni Biblika ma tantx għen biex il-Lhud u l-Insara jħarsu lejn xulxin b'mod tajjeb, f'dan l-artiklu se neżaminaw fil-qosor jekk fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid insibux evidenza ta' anti-Ġudaiżmu.

Ħadd ma jista' jiċħad li l-anti-Ġudaiżmu daħal jagħmel parti mill-interpretazzjoni tat-Testment il-Ġdid, iżda hemm pożizzjonijiet differenti fost l-istudjużi tal-Iskrittura dwar

minn fejn seta' nibet l-anti-Ġudaiżmu.[1] Għalhekk, waħda mill-mistoqsijiet li rridu nippruvaw nistaqsu hija jekk l-anti-Ġudaiżmu kienx parti mill-intenzjonijiet tal-awturi tat-Testment il-Ġdid jew inkella kinux qarrejja li ġew wara li użaw dawn it-testi għall-għanijiet tagħhom biex bihom jesprimu sentimenti ta' anti-Ġudaiżmu.

## Konflitti Bejn Settet Lhud

Biex nippruvaw inwieġbu għal dawn il-mistoqsijiet irridu qabel xejn niftakru li l-kategoriji "Insara" u "Ġudaiżmu" kienu għadhom mhumiex fissi fi żmien meta beda jinkiteb it-Testment il-Ġdid. Dan l-aktar minħabba bosta setet li kien hemm fi żmien Ġesù li flimkien kienu jikkostitwixxu dak li llum insejħulu il-Ġudaiżmu jew aħjar il-Ġudaiżmu taż-żmien it-Tieni Tempju.[2]

Fid-dawl ta' dawn is-setet jew fazzjonijiet nistgħu mela nakkużaw lill-awturi tat-Testment il-Ġdid b'anti-Ġudaiżmu? Jekk inwieġbu iva, allura se nakkużaw b'anti-Ġudaiżmu wkoll lill-komunità ta' Qumran, setta ffurmata minn persuni Lhud, li l-kitbiet tagħhom jattakkaw forma oħra ta' Ġudaiżmu?[3]

U jekk il-kritika ħarxa kontra l-Lhud li nsibu f'dawn il-kitbiet se nqisuha bħala forma ta' anti-Ġudaiżmu, kif se nispjegaw l-istess kritika ħarxa, u xi drabi aktar ħarxa, li nsibu f'xi kotba tat-Testment il-Qadim, speċjalment fil-letteratura profetika? L-orakli tal-profeti jitkellmu minn Iżrael bħala "ġens midneb" (Is 1,4); "poplu xewwiex" (Is 30,9); "ulied is-saħħara … nisel l-adultera u l-prostituta … ulied id-dnub, ulied il-qerq" (Is 57,3-5).[4] Quddiem akkużi bħal dawn li ngħataw mil-Lhud kontra l-istess membri tal-poplu tagħhom, kif se nispjegaw it-terminu anti-Ġudaiżmu? U f'każi bħal dawn fejn insibu Lhud kontra Lhud oħra, nistgħu nqisu din il-kritika bħala attakk ta' anti-Ġudaiżmu?

Tajjeb hawnhekk li nispjegaw x'qed infissru bit-terminu *anti-Ġudaiżmu*? F'din il-kitba tagħna, b'anti-Ġudaiżmu qed infissru dawk il-frażijiet fit-Testment il-Ġdid li jirriflettu antagoniżmu lejn ir-reliġjon Lhudija.[5] B'dan f'moħħna rridu nagħmlu differenza bejn anti-Ġudaiżmu u anti-Semitiżmu. Dan tal-aħħar jirreferi għall-ostilità fondamentali u sistematika kontra l-Lhud li jirrifletti, attitudnijiet, kliem jew azzjonijiet ta' mibegħda kontra l-poplu Lhudi. L-anti-Semitiżmu huwa pjuttost fenominu modern, addatat aktar biex bih niddeskrivu l-qawwa ta' ċerti ideat razzjali li laħqu l-quċċata tagħhom fin-Nażiżmu.[6]

## L-Awturi Tat-Testment Il-Ġdid

L-akkuża ta' anti-Ġudaiżmu saret b'mod qawwi kontra l-awtur tal-Evanġelju skont San Luqa u l-Atti tal-Appostli. Lejn il-bidu tas-Seklu 20, Adolf Harnack isejjaħ il-ktieb tal-Atti tal-Appostli bħala l-ewwel

fażi fl-iżvilupp ta' Anti-Semitiżmu fl-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu.[7] Norman Beck, jiddiskrivi l-Atti tal-Appostli bħala l-aktar dokument fit-Testment il-Ġdid li jesprimi sentimenti ta' anti-Ġudaiżmu.[8]

Meta niġu għall-Evanġelju skont Sant Mattew biżżejjed jekk nirreferu għal Mt 27, 25 fejn naqraw li "il-poplu kollu qabeż u qal: 'Demmu fuqna u fuq uliedna!'" Matul is-sekli, din is-sentenza ntużat bħala waħda mill-akbar skużi biex ġew iġġustifikati tant attakki kontra l-Lhud meta dawn ġew akkużati li 'qatlu lil Kristu/Alla.'[9]

Fil-każ tal-Evanġelju skont San Ġwann, imbagħad, huwa aktar faċli biex naraw kif f'dan l-Evanġelju, il-Lhud jiġu ppreżentati bħala persuni ostili għal Ġesù. Biżżejjed ngħidu li l-kelma "Lhud" f'dan l-Evanġelju tissemma madwar 70 darba f'kuntrast mal-Evanġelji Sinottiċi fejn din l-istess kelma ma tissemmiex aktar minn 7 darbiet.[10] Wieħed mill-aktar testi ħorox f'dan l-Evanġelju huwa dak li nsibu fi Ġw 8,44 meta naqraw kif Ġesù jgħid lil-Lhud: "Intom ġejjin minn missierkom, li hu x-xitan, u x-xewqat ta' missierkom tridu tagħmlu." Dan it-test tant hu qawwi, li ma daħalx jagħmel parti mil-Lezzjonarju tal-Quddiesa hekk kif inhu rivedut illum.

Fi żmien meta nkiteb il-Ktieb tal-Apokalissi, l-istituzzjoni ewlenija tal-Ġudaiżmu li salvat wara l-qerda tat-Tempju, hija msejħa bħala "sinagoga tax-Xitan" (Apok 2, 9; ara wkoll 3, 9).[11]

## Akkużi Kontra l-Evanġelisti

Il-qawwa ta' lingwaġġ bħal dan li sawwab attitudnijiet u azzjonijiet ostili u destruttivi kontra l-Lhud mhuwiex wieħed minsi. Bosta studjuzi Lhud iżommu li t-Testment il-Ġdid serva bħala l-aktar trattat anti-Semitiku perikoluż matul l-istorja ta' dawn l-aħħar elfejn sena. Dawn l-istess studjużi Lhud ikomplu li l-akkużi ħorox





kontra l-Fariżej u l-Lhud li nsibu fl-Evanġelju vvalenaw il-qlub u l-imħuħ ta' miljuni ta' nsara matul dan iż-żmien kollu.[12] R. R. Reuther, per eżempju, fl-istudju kontroversjali tagħha dwar l-għeruq teoloġiċi tal-Anti-Semitiżmu, tgħid li partijiet mit-Testment il-Ġdid kienu intenzjonati mill-awturi tagħhom biex idawru l-Insara kontra l-Lhud. Hija għalhekk tistaqsi: "Huwa possibbli tgħid 'Ġesù hu l-Messija,' mingħajr ma b'mod impliċitu jew espliċitu ma tgħidx fl-istess ħin, 'u l-Lhud huma misħutin'?"[13]

Quddiem akkużi bħal dawn kontra l-istess testi bibliċi, irridu nqisu l-kuntest storiku li fih inkiteb it-Testment il-Ġdid. Dan ifisser li parti importanti mix-xogħol tal-istudjużi tal-Iskrittura huwa li jibqgħu jistaqsu lil min kienu qed jiktbu l-Evanġelisti u x'kienu ċ-ċirkustanzi li wassluhom sabiex jiktbu dak li kitbu? Huwa biss meta nippruvaw inwieġbu għal mistoqsijiet bħal dawn li nibdew nifhmu l-mod kif l-Evanġelji u testi oħra tat-Testment il-Ġdid, jitkellmu fuq il-Lhud u l-mexxejja spiritwali tagħhom.

Filwaqt li ngħidu dan, tajjeb ukoll li nfakkru li l-Evanġelji nkitbu fi żmien meta l-ewlenin komunitajiet tal-Insara kienu qed jisseparaw minn mal-Lhud wara bosta kwistjonijiet li qamu speċjalment fuq l-identità ta' Ġesù bħala l-Iben ta' Alla. L-Evanġelista San Ġwann jagħtina ħjiel li din is-separazzjoni kienet qed tissarraf f'persekuzzjoni kontra l-istess insara.
Hekk, per eżempju, nistgħu nikkonkludu minn testi bħal Ġw 9, 22 meta fl-episodju tal-miraklu tar-raġel imwieled għama, naqraw: "Il-ġenituri tiegħu wieġbu hekk għaliex beżgħu mil-Lhud, għax il-Lhud kienu ġa ftiehmu bejniethom li jekk xi ħadd jistqarr li Ġesù hu l-Messija, jiġi mkeċċi 'l barra mis-sinagoga" (ara wkoll Ġw 12, 42).[14]

Hekk ukoll fl-aħħar ċena, f'test li hu mqiegħed fuq fomm Ġesù bħala profezija jindika xi ħaġa li faċilment kienet diġà qed isseħħ: "Ikeċċukom 'il barra mis-sinagogi, mhux biss, imma tasal is-siegħa meta min joqtolkom jaħseb li jkun qiegħed jagħti qima lil Alla" (Ġw 16, 2).[15]

## L-Isfond Storiku

Meta nqisu dan kollu, joħroġ aktar ċar kif l-Evanġelisti riedu juru kif il-falliment tal-poplu ta' Iżrael li jwieġeb għal dak li Alla wettaq permezz ta' Ibnu Ġesù jirrifletti bosta mill-fallimenti ta' Iżrael li naqraw fuqhom fit-Testment

il-Qadim. Iżda din id-darba hemm dimensjoni akbar f'dan il-*pattern* ta' falliment. Iżrael issa kien ċaħad lill-Messija stess u mhux sempliċiment il-profeti ta' Alla. Minħabba f'hekk, Iżrael kien tilef il-post privileġġat li kellu bħala l-poplu l-magħżul ta' Alla. Għalhekk, issa kienet il-Knisja li qed tgawdi minn dan il-post.[16]

Iżda l-fatt li Iżrael kien tilef dan il-post speċjali bħala l-poplu ta' Alla ma jfissirx li l-Lhud, individwalment jew bħala komunità, ġew imċaħda mis-salvazzjoni. Dawn ukoll setgħu jikkonvertu billi jemmnu li Ġesù hu l-Messija u b'hekk jidħlu jagħmlu parti mill-Knisja, il-poplu l-ġdid ta' Alla.

## Konklużjoni

Li naslu biex nakkużaw l-Evanġelisti b'anti-Semitiżmu nkunu qed ngħaddu verdett aħrax. B'danakollu, jekk nippruvaw naqilgħu l-Evanġelji barra mill-kuntest storiku li fihom inkitbu, allura iva, faċilment naslu biex ninterpretaw l-Evanġelju fuq din in-nota negattiva. Jekk jiġri hekk, iżda, inkunu qed nitilfu l-għan li għalih inkitbu l-Evanġelji. L-Evanġelji mhumiex kitbiet kontra l-Lhud, iżda kitbiet għall-Knisja, sabiex bihom il-Knisja titgħallem mill-eżempju ta' Iżrael. Aktar minn hekk, il-konvinzjonijiet teoloġiċi tal-Evanġelisti dwar il-falliment tal-parti l-kbira tal-poplu ta' Iżrael li ma weġbux għall-Iben ta' Alla mhumiex frott ta' xi mibegħda personali jew ta' xi tpattija. Dan għaliex l-Evanġelji jħabbru messaġġ ta' mħabba mqar lejn l-għedewwa.

Meta wieħed jibda jqalleb l-Evanġelji jsib fihom bosta noti ħorox kontra l-Lhud u l-mexxejja spiritwali tagħhom, noti li faċilment jaqgħu taħt il-kategorija ta' Anti-Ġudaiżmu, fis-sens kif ippruvajna nispjegawh f'dan l-artiklu. Imma mqar dawn in-noti irridu nitgħallmu naqrawhom u ninterpretawhom fil-kuntest storiku li fih inkitbu l-Evanġelji, fi żmien meta l-ewwel komunitajiet insara kienu qed jinfirdu minn mal-Lhud.

1 Għal pożizzjonijiet differenti tal-istudjużi dwar dan il-punt, ara l-istudju ta' Miriam S. Taylor, *Anti-Judaism and Early Christian Identity: A Critique of the Scholarly Consensus*, Leiden 1995.






2 Għal aktar dettalji fuq il-Ġudaiżmu tal-Ewwel Seklu, ara, Giorgio Jossa, *Giudei o cristiani?* Brescia 2004.

3 Fuq il-lingwaġġ użat mill-Komunità ta' Qumran kontra settet Lhud oħra, ara, J. H. Charlesworth, *The Dead Sea Scrolls and the Gospel According to John,* in *Exploring the Gospel of John. In Honor of D. Moody Smith,* edited by R. A. Culpepper – C. C. Black, Louisville-Kentucky 1996, 65-97.

4 Dwar dan il-punt ara, J. Koenig, *Jews and Christians in Dialogue,* Philadelphia 1979, 13-14. Ara wkoll M. C. Callaway, *A Hammer That Breaks Rock in Pieces: Prophetic Critique in the Hebrew Bible,* in *Anti-Semitism and Early Christianity,* Minneapolis 1993, 21-38.

5 Dwar din id-definizzjoni, ara, Amy-Jill Levine, *The Misunderstood Jew: The Church and the Scandal of the Jewish Jesus,* New York 2006, 87-118.

6 Għal aktar tagħrif fuq dan il-punt, ara, A. T. Davies, *Anti-Semitism and the Christian Mind: The Crisis of Conscience After Auschwitz,* New York 1969.

7 Ara J. T. Sanders, *The Jews in Luke-Acts,* London 1987.

8 Ara Norman Beck, *Mature Christianity, The Recognition and Repudiation of the Anti-Jewish Polemic of the New Testament,* London 1985, 270.

9 Għal aktar dettalji fuq il-mod kif l-Evanġelju skont San Mattew intuża fil-ġlieda tal-Anti-Semistism, ara, J. Nolland, *The Gospel of Matthew and Anti-Semitism,* in *Built Upon the Rock. Studies in the Gospel of Mattew,* edited by D. M. Gurtner – J. Nolland, Grand Rapids/MI 2008, 154-169.

10 Għal studju tajjeb fuq il-Lhud fl-Evanġelju skont San Ġwann, ara, *Anti-Judaism and the Fourth Gospel,* edited by R. Bieringer – D.Pollefeyt –F.V-Vanneuville, Louisville 2001. Ara wkoll J. Beutler, *Judaism and the Jews in the Gospel of John* (= Subsidia Biblica 30), Rome 2006.

11 Fuq l-interpretazzjoni ta' dan it-test, ara, P. Borgen, *Polemic in the Book of Revelation,* in *Anti-Semitism and Early Christiantiy. Issues of Polemic and Faith,* edited by C. A. Evans – D. A. Hagner, Minneapolis 1993, 199-214.

12 Dwar din il-konklużjoni ara per eżempju, S. Sandmel, *Anti-Semitism in the New Testament?* Philadelphia 1978, 144.

13 R. R. Reuther, *The Faith and Fratricide Discussion: Old Problems and New Dimensions*, in *Antisemitism and the Foundations of Christianity,* edited by A. T. Davies, New York 1979, 246.

14 Fuq dan l-argument ara, J. L. Martyn, *History and Theology in the Fourth Gospel,* New York [2]1979. Ara wkoll R. E. Brown, *The Community of the Beloved Disciple: The Life, Loves, and Hates of an Individual Church in New Testament Times,* New York – London 1979.

15 Ara l-istudju ta' C. G. Lingad, *The Problems of Jewish Christians in the Johannine Community* (= Tesi Gregoriana Serie Teologia 73), Rome 2001.

16 Dan il-punt jinħass l-aktar fl-Evanġelju skont San Mattew. Ara l-istudju tajjeb ta' G. N. Stanton, *A Gospel for a New People: Studies in Matthew,* Edinburgh 1992.



# IŻ-ŻWIEĠ FL-ISKRITTURA (2)

*Fr Paul Sciberras*

## Premessa

Għall-Poplu Lhudi, il-Profeti huma dawk li jikkummentaw u jfissru l-Kotba tal-Liġi, it-Toràh, l-ewwel ħames kotba tal-Iskrittura, meqjusa miktubin minn Mosè. Wara li rajna x'jgħid il-Ġenesi dwar il-ħolqien tal-bniedem, min hu l-bniedem, l-*adàm*, għal Alla nnifsu, u kif ried lill-bniedem Alla, issa nisimgħu kif fehmu dan id-diskors il-Profeti. Lill-Profeti kienu jqisuhom bħala dawk li tant għandhom lil Alla f'qalbhom u fihom, li setgħu jitkellmu f'ismu. It-tielet blokk tal-Iskrittura Lhudija huma l-Kitbiet. Minnhom nagħżlu biss il-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet għal dak li għandu xi jgħid dwar l-imħabba bejn il-koppja.



## Il-Profeti

L-ewwel wieħed mill-Profeti li jippreżenta l-Patt bejn Alla u l-Poplu tiegħu f'termini ta' żwieġ huwa l-profeta **Hosegħa**, bidwi li kien jgħix fis-Saltna ta' Fuq, is-Saltna ta' Iżrael, fis-seklu tmienja q.K. Kien raġel li għex it-*traġedja* fiż-żwieġ tiegħu stess: il-mara tiegħu, Gomèr, bint Diblàjm, tittradih u tagħtiha għall-prostituzzjoni. Hosegħa jirrifletti fuq l-esperjenza qarsa u traġika taż-żwieġ tiegħu, u mdawwal mill-Ispirtu ta' Alla, jagħraf fiż-żwieġ tiegħu - żwieġ tradut, mhux xi żwieġ ideali – il-valur sagramentali (sinjal sagru li jidher u jfisser realtà traxxendenti, ħafna 'l fuq minnu bħala bniedem): anke Alla, għarus ta' Iżrael, kien abbandunat u tradut mill-għarusa tiegħu, Iżrael, meta hi tipprostitwixxi ruħha mal-Bagħlim, l-idoli foloz. Ninnutaw mill-ewwel li l-immaġni mhix ta' raġel u martu imma ta' għarus u għarusa: jiġifieri meta t-tnejn qegħdin fil-mument li jagħtu l-kunsens lil xulxin; meta r-raġel jagħti lilu nnifsu lill-għarusa tiegħu, u hi lilu. Imma Alla ma jiddivorzjax minn Iżrael, anzi jfittixha, jirbaħha lura, jaħfrilha, jerġa' jħabbibha miegħu u jilqagħha lura għandu. "[15] Jgħid il-Mulej :[16] 'Għalhekk, araw, jiena se niġbidha, neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem ... [21] Għal dejjem ngħarrsek miegħi, ngħarrsek miegħi fis-sewwa u l-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena, [22] b'rabta fidila jiena ngħarrsek miegħi, u int tagħraf lill-Mulej" (Hos 2, 15-22).

Il-verb użat fit-test oriġinali Lhudi għal "ngħarrsek", *erastìk li l*$^{e}$*'olam*, jintuża biss għal meta raġel jitgħarras tfajla verġni. Minkejja kull tradiment, Alla jeħodha lura miegħu, jagħmel l-att taż-żwieġ magħha: "int tagħraf lill-Mulej – *jadà't et Adonàj*", mhux azzjoni tal-għarusa li għandha x'jaqsam ma' għarfien intellettwali, imma huwa l-verb tal-att taż-żwieġ, bħalma Adam jagħraf lil martu Eva u jkollhom lil Kajin u mbagħad lil Abel (Ġen 4, 1-2). Alla jrid jingħaqad u jsir ħaġa waħda magħha; imħabbtu trid tħollha u tagħmilha ħaġa waħda miegħu.

Hosegħa jirrifletti fuq l-imħabba kważi mġenna ta' Alla għall-bniedem; jagħraf li ż-żwieġ tiegħu ma' Gomèr huwa 'sagrament' (sinjal sagru li jidher u jfisser realtà traxxendenti), jiġifieri sinjal ta' din l-imħabba, u jifhem li, hekk kif Alla ma

jiddivorzja qatt lilu nnifsu mill-bniedem, minkejja kull prostituzzjoni tiegħu, minkejja kull tradiment tiegħu, anke hu ma għandux jiddivorzja lil Gomèr. Anzi: b'mentalità Biblika, jerġa' jaqra mill-ġdid is-sitwazzjoni tiegħu bħala vokazzjoni speċifika divina: "Erġa' mur, u ħobb il-mara, maħbuba minn żewġha, li ħallietu biex tingħaqad ma' rġiel oħra; l-istess kif il-Mulej iħobb 'l ulied Iżrael, għalkemm huma jduru lejn allat oħra" (Hos 3, 1).

Huwa atteġġjament li ma jiftiehemx mill-mentalità ta' llum: fedeltà għal dejjem, anke meta hemm prostituzzjoni tal-partijiet, anke meta dan telaq, għandu familja oħra, għandu ulied mir-relazzjoni l-oħra. Alla hekk jimxi ma' kull wieħed minna. Il-miżżewġin isiru huma stess mudell, ikona, xbiha ta' dan Alla li jibqa' jistenna, imma ma jiddivorzja qatt. Ma jibqax imbagħad Kristjani li ma jifhmux il-pożizzjoni tal-Knisja, għax hija l-pożizzjoni ta' Alla, kontra d-divorzju, ikun x'ikun il-każ. Ma jibqax Kristjani li ma jifhmux il-pożizzjoni ta' Alla li minkejja kollox, jibqa' ma jinfiridx minn magħna, minkejja li aħna nitilquh: il-koppja ikona ta' Alla nnifsu.

**Ġeremija**: iqiegħed ir-realtà kurrenti ta' Iżrael f'dak li għandu x'jaqsam maż-żwieġ, jiġifieri bil-possibiltà tad-divorzju, f'kuntrast mar-relazzjoni ta' Alla ma' Iżrael (Ġer 3, 1-13). "[11] U l-Mulej qalli: 'Iżrael, ta' rasha iebsa, ġusta aktar minn Ġuda l-infidila! [12] Mur u xandar dan il-kliem lejn it-tramuntana u għid: 'Erġa' lura, ja Iżrael ta' rasha iebsa, oraklu tal-Mulej. Ma nħarisx aktar b'wiċċ imqarras lejk, għax jien ħanin, oraklu tal-Mulej. Ma nżommx il-korla għal dejjem. [13] Agħraf biss ħżunitek, għax int qomt kontra l-Mulej, Alla tiegħek, xerridt imħabbtek mal-barranin taħt kull siġra tħaddar, u minn kliemi ma ridtx tisma'! Oraklu tal-Mulej'"

**Eżekjel**: jiċċelebra l-imħabba divina f'allegorija ta' passjoni (Eżk 16, 23). Jisħaq fuq il-patt ta' alleanza ta' Alla, u bħall-avventura ta' mħabba bejn Alla u l-Poplu tiegħu, hemm bżonn issir eżempju u regola għall-esperjenzi matrimonjali kollha: "U hekk inneħħi l-faħx mill-pajjiż u n-nisa kollha jieħdu t-tagħlima u ma jkomplux bil-ħażen faħxi tagħhom" (Eżk 23, 48).

**Iżaija**: jippreżenta lil Alla mitluf bl-imħabba għall-bnedmin, li jinfexx f'dikjarazzjoni qawwija ħafna ta' mħabba għalihom f'62, 1-5. Jitkellem fuq Iżrael bi kliem ta' maħbub għall-maħbuba tiegħu: "Lilek għad isejħulek: 'Għaxqti fiha' … għax l-għaxqa tal-Mulej fik'" (v.4) (bil-kelma "għaxqa", Iżaija jifhem dak li l-maħbubin jgħidu lil xulxin: għażiża tiegħi; teżor; maħbuba tiegħi); ifissidha b'tant tenerezza (ngħidu aħna, kif jagħmel fil-v.4). Il-bniedem huwa l-għaxqa ta' Alla: "bħalma l-għarus jitgħaxxaq b'għarustu, hekk jitgħaxxaq bik Alla tiegħek" (v.5). Din it-telfa ta' mħabba juriha iktar u iktar għall-koppja miżżewġa li hija x-xbiha u l-ikona tiegħu.

Imma Iżaija jgħid ukoll: "[7]

Għal ftit jien tlaqtek; imma bi mħabba bla qies jien nerġa' niġbrok. [8] Fis-saħna tal-korla ħbejt wiċċi għal ftit minnek; bi mħabba ta' dejjem inħenn għalik, jgħid il-Mulej, il-Feddej tiegħek" (Iż 54, 5-10). Qatt ma jitlaq lill-maħbuba tiegħu, minkejja kollox. Il-verġinità tagħha jerġa' jagħtihielha lura (62, 5), u t-trasfigurazzjoni tagħha sseħħ bl-imħabba kostanti ta' Alla (62, 2). Hekk ukoll il-miżżewġin huma msejħin għal imħabba li ma tinħallx, għall-maħfra totali u reċiproka, biex jiġġeddu l-ħin kollu fi mħabba dejjem friska u kreattività kostanti.

**Malakija**: iż-żewġ għarajjes jiffurmaw "ħolqien wieħed mogħni b'ġisem u spirtu", kemm il-mara u kemm ir-raġel. Allura Alla jista' jispjega: "[13] Terġa' dan ukoll tagħmlu: intom tiksu l-artal tal-Mulej bid-dmugħ u bil-biki u bit-tnehid, għax m'għadux aktar jagħti wiċċ lill-offerta tagħkom u jilqagħha bil-qalb minn idejkom. [14] U intom tgħidu: 'Għaliex?' Għax bejnek u bejn il-mara ta' żgħożitek hemm xhud il-Mulej; u int qarraqt biha, għad li hi s-sieħba tiegħek u l-mara li magħha ntrabatt. [15] U ma għamilhiex l-istess Alla, li jkollha ġisem u ruħ? U xi jrid dan il-wieħed? Nisel skont Alla! Ħarsu rwieħkom, mela, u qisu li ħadd ma jqarraq bil-mara ta' żgħożitu. [16] 'Għax jiena d-divorzju nobogħdu?' jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael, 'u lil min jiksi lbiesu bil-ħażen?' jgħid il-Mulej tal-eżerċti.' Mela ħarsu rwieħkom, u tkunux qarrieqa?" (Mal 2, 13-16). Jekk iż-żewġ miżżewġin jinfirdu, jiksru n-nifs tal-ħajja, ir-*ruàħ* ta' Alla fihom, l-ispirtu tiegħu, li hu nefaħ fil-bniedem meta ħalqu (Ġen 2, 7). L-ewwel motivazzjoni tad-divorzju hija għalhekk ontoloġika (tmiss in-natura stess taż-żwieġ): id-divorzju infatti jikser l-essenza l-aktar profonda tal-bniedem, għax l-*adàm* huwa minnu nnifsu koppja, mara u raġel, u min jifred il-koppja jxejjen l-*adàm*. It-tieni motivazzjoni hija soterjoloġika, jiġifieri għandha x'taqsam mas-salvazzjoni u mal-ħelsien li ġab Alla lill-bniedem. Bejn ir-raġel u l-mara hemm marbut patt, *berît* (Mal 2, 14), fuq il-mudell tal-patt li Alla għamel mal-poplu tiegħu, patt etern għax Alla hu Alla fidil (Dt 7, 9). Ta' din l-alleanza ta' żwieġ, il-Mulej innifsu huwa xhud ("Għax bejnek u bejn il-mara ta' żgħożitek hemm xhud il-Mulej; u int qarraqt biha, għad li hi s-sieħba tiegħek u l-mara li magħha ntrabatt" - Mal 2, 14), garanti, *sponsor*, letteralment: "dak li jwieġeb" (*'er*).

Fit-tielet parti tal-Iskrittura Lhudija, insibu l-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet, ktieb li hu maħsub li jinqara anke b'mod uman ħafna; m'hemmx għalfejn nispiritwalizzawh u nieħdu biss is-sens spiritwali tiegħu. Biss biss irridu ninnutaw li Alla ma jissemma qatt fih.

## L-Għanja tal-Għanjiet

Il-qofol ta' dak li tgħid l-Iskrittura fuq iż-żwieġ fit-Testment il-Qadim jintlaħaq fl-Għanja tal-Għanjiet. Miktub fil-perjodu ta' wara l-Eżilju, hija l-istorja intensa ta' mħabba bejn

Xulammìt, is-Sulammita (Għ 7, 1) u Xlómo, Salamun (Għ 3, 7.11). Iż-żewġ ismijiet ġejjin mill-kelma *xalòm*, il-paċi Biblika, li hi l-essenza nnifisha ta' Alla, li ismu huwa Adonàj-Xalòm, Sid il-Paċi (Mħ 6, 24).

Il-Ktieb jgħanni l-imħabba fl-evoluzzjoni kollha tagħha, fil-ferħat tagħha u fl-ansjetajiet tagħha, fix-xewqat tagħha u fil-passjoni tagħha, fil-kalma u fit-tħeġġiġ tagħha. Tibda l-għarusa b'appell imqanqal lill-imħabba: "Busni bil-bewsiet ta' fommok" (Għ 1, 2). Wara jiġu dwetti appassjonati li fihom il-maħbubin jesprimu t-tixniq tagħhom għal xulxin (Għ 1, 4; 2, 10-14; 7, 12-13; 8, 1-2 ...) u li fihom il-ġmiel fiżiku u senswali huwa kantat kważi b'mod plastiku u b'serenità mgħaġġba (Għ 1, 12-14; 4, 1-7; 4, 10 - 5, 1; 5, 10-16; 7, 2-6 ...). Insibu rrakkuntata l-imħabba mġenna tat-tnejn (Għ 2, 5; 4, 9; 8, 8; 6, 12 ...), u d-diqa li taqbadhom mal-firda minn xulxin (Għ 3, 1-3; 5, 1-6). Fl-aħħar jiġi ċċelebrat iż-żwieġ (Għ 3, 11; 6, 8-9), bil-formula ta' patt tal-alleanza tipiku: "Il-maħbub tiegħi hu tiegħi, u jien tiegħu" (Għ 2, 16; 6, 3; 7, 11), bħalma fil-Patt Alla jgħid: "Jiena nkun Alla tagħkom u intom tkunu l-Poplu tiegħi" (Es 6, 7; Lev 26, 12). Din l-imħabba hi tant totali, tant esklussiva, tant definittiva, daqstant indissolubbli għax ġejja minn Alla, li tagħha hu l-għajn u l-oriġni: "⁶ ix-xrar tagħha xrar tan-nar, nar tal-Mulej" (Għ 8, 6). U fl-għotja eterna lil xulxin, Xulammìt u Xlómo jsibu x-Xalòm, is-sliem, il-Paċi, li huwa Alla nnifsu: "ġa sirt f'għajnejh bħal waħda li sabet is-sliem" (Għ 8, 10).

L-Għanja tal-Għanjiet hija parti mill-Kanoni tal-Bibbja, jiġifieri meqjusa bħala ispirata kemm mill-kanoni Lhudi u kemm minn dak Kristjan. Din l-għanja daqstant lajka (Alla ma jissemma qatt fiha) terġa' turi kemm Alla nnifsu li ispiraha jħares b'għajnejn pożittivi lejn is-sesswalità u l-imħabba umana, fl-aspetti kollha tagħha: dawk sentimentali, dawk senswali u saħansitra dawk li jidhru erotiċi. Dietrich Bonhöffer, *pastor* Ġermaniż Luteran li ġie mogħti l-forka min-Nażisti fil-kamp ta' Flossenbürg fid-9 ta' April 1945, jikteb: "Aħna ma naslu qatt nimmaġinaw imħabba iktar taħraq, iktar senswali, iktar taqbad minn dik li hemm kantata fl-Għanja. U hija importanti ħafna li nsibuha parti mill-Bibbja, biex tkun tista' tgiddeb lil dawk kollha li jaraw fil-



Kristjaneżmu l-moderazzjoni tal-passjoni (imma fejn hi qatt din il-moderazzjoni fit-TQ?)" (*Widerstand und Ergebung und Aufzeichnungen aus der Haft*, 2005 jew bit-Taljan: *Resistenza e Resa*, 1969).

L-Għanja tal-Għanjiet ġiet interpretata b'mod letterali u allegoriku, jiġifieri bħala l-Għanja li tkanta l-imħabba bejn Alla u Iżrael għar-Rabbini; għal Kristu u l-Għarusa tiegħu, l-Knisja; jew għal Alla u r-ruħ, speċjalment għall-Missirijiet il-Knisja u l-mistiċi. Iż-żewġ modi ma jeskludux lil xulxin. Alla jħobb lill-Poplu tiegħu; Alla jħobb lill-bniedem; Alla jħobb lill-bniedem bi mħabba mġenna. Imma l-imħabba umana, dik perfetta, dik altruwista li ma tfittixx x'se tieħu minn min tħobb, fejn l-imħabba li tiġi espressa permezz tal-ġisem, dik senswali, hija lingwaġġ ta' komunjoni. Mingħajr ma titlef il-qawwa tagħha konkreta u personali, twassal minnha nnifisha għall-misteru tal-imħabba li jqarreb dejjem iżjed lejn l-infinit, u li jesprimi r-realtà traxxendenti u divina. Fejn raġel u mara jħobbu lil xulxin b'imħabba safja u altruwista, imħabba li tingħata, hemm hemm sinjal, "sagrament" ta' Alla nnifsu li jħobb. Ma ninsewx dak li jgħid l-awtur tal-1Ġw 4, 8: "Min ma jħobbx ma jagħrafx lil Alla, għax Alla huwa mħabba"; "Min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista' jħobb lil Alla li ma jarax" (1Ġw 4, 20).

## Konklużjoni

Hija l-imħabba ta' Alla lejn il-Poplu tiegħu, imħabbra mill-Profeti bis-simbolu taż-żwieġ: imħabba libera, sħiħa, li ma tonqosx, għotja u relazzjoni reċiproka ta' "jien" "lilek". L-Għanja tal-Għanjiet titkellem minn imħabba fiż-żwieġ tal-koppja mhux fuq il-bażi tal-Liġi ta' Mosè, li tippermetti li raġel itellaq lil martu b'kitba (Dt 24, 1-4), lanqas fuq il-bażi tal-esperjenza ta' Iżrael wara l-Eżilju, Iżrael ta' qalb iebsa infidil fiż-żwieġ tiegħu (ara Mal 3, 13-16). L-awtur tal-Għanja jispira ruħu mill-proġett ta' Alla fil-Ġenesi 2, 23-24, fuq il-bażi tal-esperjenza tal-imħabba ta' Alla lejn Iżrael, imħabbar ta' sikwit mill-Profeti. Huwa l-Patt divin li lill-awtur ġiegħlu jiskopri s-sens u t-tifsira, il-valuri u n-natura tal-patt fiż-żwieġ. Hekk, ngħidu aħna, dak ir-ritornell li nsibu spiss fl-Għanja: "Hu tiegħi, il-maħbub tiegħi, u jiena tiegħu" (2, 16; 6, 3), huwa qisu mera tal-formula tal-Patt ta' żwieġ bejn Alla u l-Poplu tiegħu: "Jiena nkun Alla tagħkom u intom tkunu l-poplu tiegħi." (Ġer 7, 23; 31, 33; Dt 26, 17-18; Hos 2, 4; Eżk 34, 30; S 100, 3). Kważi kważi ma nissaportux nistennew sakemm nitrattaw iż-żwieġ fit-Testment il-Ġdid, għax dan ifakkarna sewwa f'dak li jgħid San Pawl fl-Ittra lill-Efesin: "Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha. U dan għamlu biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil tal-ilma u l-kelma u biex iressaqha quddiemu. Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha" (Ef 5, 25-27).


Ħidma mall-Pellegrini


Kustodji tal-postijiet qaddisa


Ħidma fil-qasam tas-saħħa

# JUM IL-MISSJONI FL-ART IMQADDSA



**GĦADEK BIĊ-ĊANS LI TGĦIN**

*Int ukoll tista' tgħin lill-Missjoni tal-Art Imqaddsa.*


Ħidma fil-qasam tal-edukazzjoni


Għotja ta' djar ġodda lil-familji

Ikteb jew ċempel:
Kummissarjat tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213

Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
Website: http://ofm.org.mt

# L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

ċempel: 21242254












